KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fis-17 ta' Ġunju 2021 [1]

Kawża C-894/19 P

Il-Parlament Ewropew
vs

UZ

"Appell – Servizz pubbliku – Uffiċjal – Proċeduri dixxiplinari – Fastidju psikoloġiku – Sanzjoni dixxiplinari – Tnaqqis ta' grad – Ċaħda tat-talba għal assistenza tar-rikorrenti – Rikors għal annullament – Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva – Dritt għal smigħ"

I. Introduzzjoni

1. Permezz tal-appell tiegħu, il-Parlament Ewropew jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Settembru 2019, UZ vs Il-Parlament (T-47/18, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2019:650), li permezz tagħha din, minn naħa, annullat id-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tas-27 ta' Frar 2017, li timponi fuq UZ is-sanzjoni dixxiplinari ta' tnaqqis fil-grad mill-grad AD 13, skala 3, lejn il-grad AD 12, skala 3, b'aġġustament għal żero tal-punti ta' mertu miksuba fil-grad AD 13 u, min-naħa l-oħra, ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

2. Permezz tal-appell inċidentali tagħha, UZ titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata sa fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba tagħha għal assistenza.

3. Skont it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser ikunu mmirati fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appell ewlieni dwar l-allegat nuqqas ta' imparzjalità tal-Parlament fit-twettiq tal-investigazzjoni dixxiplinarja kontra UZ. Il-Parlament isostni li l-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li l-investigaturi maħtura ma tawx il-garanziji suffiċjenti sabiex jeskludu kull dubju leġittimu dwar l-imparzjalità tagħhom. Din il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali hija bbażata, l-ewwel, fuq żnaturament tal-fatti u, it-tieni, fuq klassifikazzjoni ġuridika żbaljata tal-kunċett ta' "imparzjalità oġġettiva".

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

4. Din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi dwar l-applikabbiltà tal-prinċipji li jirregolaw dan il-kunċett ta' "imparzjalità oġġettiva", diġà magħruf f'diversi oqsma tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, għas-servizz pubbliku, u, b'mod iktar konkret, għall-investigazzjoni amministrattiva mwettqa fil-kuntest ta' proċeduri dixxiplinari.

II. Il-kuntest ġuridiku

5. L-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, fil-verżjoni tagħhom applikabbli għall-kawża (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), jipprevedi:

"L-Unjoni għandha tassisti kull uffiċjal, partikolarment fi proċeduri kontra kull persuna li tagħmel theddid, atti jew kliem ta' insult jew defamatorji, jew kull attakk fuq persuna jew proprjetà li għalihom huwa jew membru mill-familja tiegħu huwa suġġett minħabba l-posizzjoni jew id-dmirijiet tiegħu.

Huma għandhom jikkumpensaw *in solidum* l-uffiċjal għall-ħsara li sofra fit-tali każijiet, sakemm l-uffiċjal ma kkawżax il-ħsara intenzjonalment jew b'negliġenza gravi u ma kienx kapaċi jikseb kumpens mill-persuna li kkważata."

6. L-Artikolu 86 ta' dawn ir-regolamenti jipprevedi:

"1. Kull nuqqas minn uffiċjal jew minn dak li qabel kien uffiċjal biex iħares l-obbligi tiegħu taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, kemm jekk intenzjonalment jew b'negliġenza min-naħa tiegħu, tista' tittieħed azzjoni kontrih.

2. Fejn l-Awtorità tal-Ħatra jew OLAF isiru jafu b'evidenza ta' nuqqas fis-sens tal-paragrafu 1, jistgħu jibdew investigazzjonijiet amministrattivi biex jivverifikaw jekk it-tali nuqqas sarx.

3. Regoli, proċeduri u miżuri dixxiplinarji, u r-regoli u l-proċeduri li jkopru l-investigazzjonijiet amministrattivi mniżżla fl-Anness IX."

7. Skont l-Artikolu 3 tal-Anness IX tal-imsemmija regolamenti:

"Fuq il-bażi tar-rapport ta' l-investigazzjoni, wara li tavża l-uffiċjal ikkonċernat bl-evidenza kollha fil-files u wara li tisma' l-uffiċjal ikkonċernat, l-Awtorità tal-Ħatra tista':

(a) tiddeċiedi li l-ebda każ ma jista' jsir kontra l-uffiċjal, f'liema każ l-uffiċjal għandu jkun avżat b'hekk bil-miktub; jew

(b) tiddeċiedi, anki jekk hemm jew jidher li kien hemm nuqqas biex jitħarsu l-obbligi, li l-ebda miżura dixxiplinarja m'hi se tittieħed u, jekk ikun il-każ, tindirizza twissija lill-uffiċjal; jew

(ċ) fil-każ ta' nuqqas biex jitħarsu l-obbligi, fis-sens ta' l-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal:

(i) tiddeċiedi li tibda l-proċeduri dixxiplinarji kif provdut fit-Taqsima 4 ta' dan l-Anness, jew

(ii) tiddeċiedi li tibda proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Bord Dixxiplinari."

8. L-Artikolu 16 ta' dan l-anness jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. L-uffiċjal ikkonċernat għandu jinstema' mill-Bord; fis-seduta, jista' jagħmel osservazzjonijiet bil-kitba jew bil-fomm, jew huwa preżenti jew b'rappreżentant. Jista' jsejjaħ xhieda.

2. L-istituzzjoni għandha tkun rrappreżentata quddiem il-Bord minn uffiċjal, innominat mill-Awtorità tal-Ħatra għal dan l-iskop u li jkollu d-drittijiet daqs dawk ta' l-uffiċjal ikkonċernat."

9. L-Artikolu 22 tal-imsemmi anness huwa redatt kif ġej:

"1. Wara li tisma' lill-uffiċjal, l-Awtorità tal-Ħatra għandha tasal għad-deċiżjoni tagħha, kif ipprovdut fl-Artikoli 9 u 10 ta' dan l-Anness fi żmien xahrejn mill-irċevuta ta' l-opinjoni tal-Bord. Ir-raġunijiet iridu jingħataw għal din id-deċiżjoni.

2. Jekk l-Awtorità tal-Ħatra tiddeċiedi li tagħlaq il-każ mingħajr ma timponi xi piena dixxiplinarja, għandha tinforma dan bil-kitba mingħajr dewmien lill-uffiċjal ikkonċernat. L-uffiċjal ikkonċernat jista' jitlob li din id-deċiżjoni tiddaħħal fil-file personali tiegħu."

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

10. Il-fatti li wasslu għall-kawża jinsabu fil-punti 1 sa 27 tas-sentenza appellata u jistgħu, għall-ħtiġijiet ta' dan l-appell, jinġabru fil-qosor bil-mod kif ġej.

11. UZ kienet ilha tokkupa kariga ta' kap ta' unità fil-Parlament Ewropew sa mill-1 ta' Jannar 2009. Fl-aħħar lok, hija kienet ġiet ikklassifikata fil-grad AD 13 skala 3.

12. Fl-24 ta' Jannar 2014, erbatax minn ħmistax-il membru tal-unità tagħha (iktar 'il quddiem il-"lanjanti") indirizzaw lis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament talba għal assistenza, skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, fejn argumentaw li kienu suġġetti għal fastidju psikoloġiku min-naħa ta' UZ.

13. Wara din it-talba, id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tal-Persunal (iktar 'il quddiem id-"DĠ PERS") indika lil-lanjanti li kienu ġew adottati miżuri provviżorji. Dawn kienu jirrigwardaw b'mod partikolari l-għoti tal-ġestjoni tal-persunal tal-unità kkonċernata lil persuna oħra u l-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva.

14. Wara l-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva, UZ instemgħet fl-20 ta' Novembru 2014 mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ PERS.

15. Wara li ġew redatti żewġ rapporti, tat-3 ta' Marzu u tas-17 ta' Novembru 2015, UZ instemgħet, fis-17 ta' Ġunju u fit-2 ta' Diċembru 2015 rispettivament mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ PERS.

16. Permezz ta' posta elettronika tas-6 ta' Jannar 2016, UZ ġiet informata mis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament li l-Bord Dixxiplinari kien ġie adit minħabba nuqqas ta' twettiq tal-obbligi statutorji. Hija nstemgħet mill-Bord Dixxiplinari fis-17 ta' Frar, fid-9 ta' Marzu, fit-8 ta' April u fis-26 ta' Mejju 2016.

17. Fil-25 ta' Lulju 2016, il-Bord Dixxiplinari adotta unanimament l-opinjoni tiegħu li permezz tagħha, l-ewwel, ippropona lill-Awtorità tal-Ħatra tissanzjona n-nuqqasijiet kollha mwettqa minn UZ b'sanzjoni globali li tikkonsisti fi tnaqqis fil-grad u, it-tieni, ikkonkluda li l-Awtorità tal-Ħatra kellha tqis serjament l-assenjazzjoni mill-ġdid tagħha f'tip ieħor ta' impjieg fi ħdan is-Segretarjat Ġenerali.

18. Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Settembru 2016, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament awtorizza lid-Direttur Ġenerali tad-DĠ PERS jirrappreżentah waqt is-smigħ tar-rikorrenti previst mill-Artikolu 22 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u inkarigah jibgħatlu l-eventwali osservazzjonijiet ta' din tal-aħħar dwar l-opinjoni mogħtija mill-Bord Dixxiplinari u mibgħuta fis-7 ta' Settembru 2016.

19. Permezz ta' posta elettronika tal-4 ta' Ottubru 2016, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ PERS stieden lil UZ tidher għal seduta fl-20 ta' Ottubru 2016, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, sabiex tkun tista' ssostni l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-opinjoni tal-Bord Dixxiplinari.

20. Fl-14 ta' Novembru 2016, UZ instemgħet mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ PERS. Matul din is-seduta, hija ppreżentat nota u talbet l-assistenza tal-Parlament minħabba theddid li kien sar fil-konfront tagħha minn membri tal-unità tagħha.

21. Fuq proposta tad-Direttur Ġenerali tad-DĠ PERS, UZ għalhekk ġiet assenjata, temporanjament, lil unità oħra.

22. Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Frar 2017, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament ħa d-deċiżjoni li jimponi fuq UZ is-sanzjoni dixxiplinari ta' tnaqqis fil-grad, fl-istess grupp ta' funzjonijiet, mill-grad AD 13 skala 3 għall-grad AD 12 skala 3, flimkien ma' aġġustament għal żero tal-punti ta' mertu akkwistati fl-ex grad AD 13 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

23. Permezz ta' ittra tas-6 ta' Ġunju 2017, UZ ressqet ilment quddiem l-Awtorità tal-Ħatra tal-Parlament kontra d-deċiżjoni kontenzjuża.

24. Permezz ta' ittra tal-14 ta' Ġunju 2017, UZ ressqet quddiem is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament ilment kontra ċ-ċaħda impliċita tat-talba għal assistenza tagħha. Permezz ta' ittra tal-20 ta' Lulju 2017, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ PERS ċaħad din it-talba għal assistenza.

25. Permezz ta' ittra tas-6 ta' Ottubru 2017, il-President tal-Parlament ċaħad l-ilmenti ta' UZ magħmula permezz ta' posta elettronika tas-6 u tal-14 ta' Ġunju 2017.

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

26. Permezz ta' talba ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Jannar 2018, UZ ippreżentat rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża u, min-naħa l-oħra, għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba għal assistenza tagħha.

27. Il-Parlament talab li dan ir-rikors jiġi miċħud.

A. Fuq it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża

28. Insostenn tat-talbiet tagħha għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, UZ invokat żewġ motivi bbażati, l-ewwel, fuq nuqqas ta' regolarità fl-investigazzjoni amministrattiva, u, it-tieni, fuq nuqqas ta' regolarità fix-xogħlijiet tal-Bord Dixxiplinari u nuqqas ta' seduta mill-awtorità kompetenti fi tmiemhom.

1. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' regolarità tal-investigazzjoni amministrattiva

29. Fil-kuntest ta' dan l-ewwel motiv, UZ sostniet, b'mod partikolari, li tnejn mill-investigaturi inkarigati mill-investigazzjoni amministrattiva, jiġifieri dak inkarigat mill-aspett "dixxiplinari" u dak inkarigat mill-aspett ta' "fastidju", ma kellhomx l-indipendenza u l-imparzjalità neċessarji sabiex jipparteċipaw f'din l-investigazzjoni.

30. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' imparzjalità tal-investigatur tal-aspett "dixxiplinari", il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 51 tas-sentenza appellata, li jirriżulta mix-xhieda ta' wieħed mil-lanjanti li membru tad-DĠ PERS kien iltaqa' ma' dan tal-aħħar qabel il-ftuħ tal-investigazzjoni u li, waqt din il-laqgħa, huwa kien informa lill-membru fuq imsemmi, sussegwentement innominat investigatur, li kien ġie rrapportat lill-OLAF minn UZ u, b'mod iktar speċifiku, bl-intervent ta' żewġha, "bħala tpattija", fir-rigward ta' allegati irregolaritajiet.

31. Issa, skont il-Qorti Ġenerali, tali xhieda tista' tqajjem f'UZ dubju leġittimu dwar l-imparzjalità tal-investigatur, li seta' ġie influwenzat min-natura partikolarment malizzjuża tal-allegat aġir tiegħu kif lilu kkomunikat.

32. Il-Qorti Ġenerali, fil-punti 53 sa 55 tas-sentenza appellata, qieset li, peress li UZ kienet informat lill-Parlament, waqt is-smigħ tagħha tal-14 ta' Novembru 2016, b'dan in-nuqqas ta' imparzjalità, dan tal-aħħar kien f'pożizzjoni li jagħżel persuna li ma kellha ebda għarfien minn qabel tal-fatti tal-każ bħala investigatur.

33. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' imparzjalità tal-investigatur tal-aspett ta' "fastidju", il-Qorti Ġenerali, fil-punt 57 ta' dik is-sentenza, ikkonstatat li mill-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Parlament waqt is-seduta kien jirriżulta li, qabel ma nħatar investigatur għall-aspett ta' "fastidju" fil-kuntest tal-investigazzjoni amministrattiva, dan kien ippresieda l-Kumitat Konsultattiv dwar il-Fastidju u l-Prevenzjoni Tiegħu fuq il-Post tax-Xogħol. Issa, dan il-kumitat kien ikkonkluda li l-ġestjoni tal-unità li tagħha UZ kienet il-kap kellha tiġi fdata lil persuna oħra.

34. Skont il-Qorti Ġenerali, fid-dawl tal-konklużjoni ta' dan il-kumitat, meta nħatar investigatur tal-aspett ta' "fastidju", dan seta' diġà kellu opinjoni negattiva ta' UZ. Din iċ-ċirkustanza tqiegħed f'dubju l-imparzjalità oġġettiva tiegħu.

35. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 59 tas-sentenza appellata, li, billi nħatru bħala investigaturi ż-żewġ persuni li seta' kellhom għarfien minn qabel tal-każ, il-Parlament ma offriex il-garanziji suffiċjenti sabiex jeskludi kull dubju leġittimu fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

36. Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 60 tas-sentenza appellata, fakkret fil-ġurisprudenza stabbilita li tipprovdi li, sabiex irregolarità proċedurali tkun tista' tiġġustifika l-annullament ta' att, jeħtieġ li, fl-assenza ta' din l-irregolarità, il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti.

37. Skont il-Qorti Ġenerali, ma setax jiġi eskluż li, kieku l-investigazzjoni amministrattiva f'dan il-każ twettqet b'reqqa u b'imparzjalità, hija setgħet twassal għal evalwazzjoni inizjali differenti tal-fatti li ma kinitx neċessarjament twassal għall-impożizzjoni tas-sanzjoni dixxiplinari.

38. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 65 tas-sentenza appellata, qieset li t-talbiet ta' UZ intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża kellhom jintlaqgħu.

39. Madankollu, għal raġunijiet marbuta ma' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, il-Qorti Ġenerali qieset li kien utli li jiġi eżaminat it-tieni motiv.

2. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' regolarità fix-xogħlijiet tal-Bord Dixxiplinari u l-assenza ta' seduta mill-awtorità kompetenti fi tmiemhom

40. Insostenn tat-tieni motiv, UZ sostniet, l-ewwel, li l-Parlament ma setax jiġi rrappreżentat b'mod validu, matul waħda mis-sitt laqgħat tiegħu, minn żewġ uffiċjali u li r-rappreżentanti tal-Parlament b'mod żbaljat baqgħu fis-sala tal-laqgħa sabiex jiddeliberaw mal-membri tal-Bord Dixxiplinari. It-tieni, UZ sostniet li huwa biss is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament li seta' jisma' uffiċjal qabel ma jiddeċiedi li jimponi sanzjoni dixxiplinari fuqu. Madankollu, skontha, tali smigħ ma seħħx.

41. Il-Qorti Ġenerali, fil-punt 102 tas-sentenza appellata, laqgħet it-tieni motiv. Peress li t-tfakkira tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar il-kwistjonijiet imqajma fil-kuntest tal-imsemmi motiv tippreżenta biss interess limitat għall-analiżi tal-appell fil-kuntest ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa biżżejjed li jsir riferiment f'dan ir-rigward għall-punti 68 sa 101 tas-sentenza appellata.

B. Fuq it-talba ta' annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għal assistenza

42. Quddiem il-Qorti Ġenerali, UZ sostniet, essenzjalment, li l-Parlament kien żbalja meta ċaħad it-talba tagħha għal assistenza mressqa minnha quddiem dik l-istituzzjoni.

43. Peress li l-imsemmi motiv ma huwiex rilevanti għall-finijiet tal-analiżi magħmula f'dawn il-konklużjonijiet, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li t-talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għal assistenza ġiet miċħuda mill-Qorti Ġenerali minħabba r-raġunijiet li jinsabu, b'mod partikolari, fil-punti 107 sa 110 tas-sentenza appellata.

44. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali, permezz tas-sentenza appellata, minn naħa, annullat id-deċiżjoni kontenzjuża u, min-naħa l-oħra, ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

V. It-talbiet tal-partijiet

A. It-talbiet tal-appell prinċipali

45. Permezz tal-appell tiegħu, il-Parlament jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata; konsegwentement,

– tiċħad ir-rikors tal-ewwel istanza;

– tiddeċiedi li kull waħda mill-partijiet għandha tbati l-ispejjeż tagħha relatati ma' din l-istanza; u

– tikkundanna lil UZ għall-ispejjeż relatati mal-ewwel istanza.

46. Fir-risposta tagħha, UZ titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– tiċħad l-appell; u

– tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

B. It-talbiet tal-appell inċidentali

47. Permezz tal-appell inċidentali tagħha effett, UZ titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata sa fejn tiċħad it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għal assistenza tagħha; u

– billi tiddeċiedi permezz ta' dispożizzjonijiet ġodda, tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament li tiċħad din it-talba għal annullament; kif ukoll

– tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

48. Fir-risposta tiegħu, il-Parlament jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiddikjara l-appell inċidentali parzjalment inammissibbli f'dak li jirrigwarda t-tieni aggravju u infondat fl-intier tiegħu; u

– tikkundanna lil UZ għall-ispejjeż.

VI. Analiżi ġuridika

A. L-aggravji mqajma mill-Parlament u l-portata tal-eżami li għandu jitwettaq

49. Insostenn tal-appell tiegħu, il-Parlament jinvoka tliet aggravji. L-*ewwel aggravju*, li jirrigwarda l-punti 54, 58 u 59 tas-sentenza appellata, huwa bbażat fuq żball ta' liġi, fuq żnaturament tal-fatti u fuq nuqqas ta' motivazzjoni li kkompromietta l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li skontha l-investigazzjonijiet immexxija mill-Parlament kienu vvizzjati b'nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva. It-*tieni aggravju*, dirett kontra l-punt 72 ta' dik is-sentenza, huwa bbażat fuq żball ta' liġi, fuq żnaturament tal-fatti u fuq nuqqas ta' motivazzjoni fil-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tistabbilixxi ksur tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet matul ix-xogħlijiet tal-Bord Dixxiplinari. It-*tielet aggravju*, dirett kontra l-punti 90, 99 u 102 tal-imsemmija sentenza, huwa bbażat fuq żball ta' liġi, fuq żnaturament tal-fatti u fuq nuqqas ta' motivazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet meta kkunsidrat li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ ta' UZ.

50. Dan l-*ewwel aggravju* huwa kompost minn erba' partijiet. Kif diġà ġie indikat fl-introduzzjoni, dawn il-konklużjonijiet ser jirrigwardaw biss l-*ewwel parti* tal-imsemmi aggravju. Konsegwentement, ser nillimita ruħi sabiex nippreżenta iktar 'il quddiem l-argumenti relatati mressqa mill-Parlament.

51. Il-Parlament isostni, essenzjalment, li, billi ddeċidiet, fil-punti 52, 58 u 59 tas-sentenza appellata, li żewġ investigaturi, jiġifieri wieħed responsabbli mill-aspett "dixxiplinari" tal-investigazzjoni amministrattiva u l-ieħor responsabbli mill-aspett ta' "fastidju" ta' din l-investigazzjoni, ma tawx il-garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż kull dubju leġittimu dwar l-imparzjalità oġġettiva tagħhom, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq żnaturament tal-fatti kif ukoll fuq kriterji legali żbaljati fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kunċett ta' "imparzjalità oġġettiva" u, għaldaqstant, kisret l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

52. Skont il-Parlament, l-uniku għarfien minn qabel tal-fatti mill-investigatur responsabbli mill-aspett "dixxiplinari", b'mod partikolari, meta dan l-għarfien ikun limitat u speċifiku, jew saħansitra inkomplet, bħal f'dan il-każ, ma jistax, fih innifsu, jagħti awtomatikament lok għal dubju leġittimu li jiġġustifika talba għal persuna oħra li ma jkollha ebda għarfien minn qabel tal-fatti tal-każ. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali bilkemm eżaminat jekk l-allegazzjonijiet ta' UZ kinux verament ta' natura li jiġġustifikaw dubju leġittimu dwar l-imparzjalità oġġettiva tal-investigaturi. Issa, skont il-Parlament, f'dan il-każ, dawn l-allegazzjonijiet ma kinux jiġġustifikaw in-neċessità li jinħatru investigaturi oħra, b'mod partikolari fid-dawl tal-assenza ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess bejn l-investigaturi kkonċernati u din il-parti.

53. Minn dan is-sunt ta' argumenti jista' jiġi dedott li l-kwistjonijiet legali li jqumu fil-kuntest ta' din il-kawża jikkonċernaw, essenzjalment, żewġ aspetti prinċipali: minn naħa, il-kunċett ta' "imparzjalità" u, min-naħa l-oħra, l-applikabbiltà tiegħu għal każ bħal dan ineżami. Sabiex jiġu analizzati dawn il-kwistjonijiet legali b'mod strutturat u loġiku, huwa neċessarju li jiġi ċċarat, fl-ewwel lok, liema huma l-oqsma fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni li għalihom japplika ġeneralment dan il-kunċett u, fit-tieni lok, jekk is-servizz pubbliku jagħmilx parti minnhom. Huwa biss wara li jiġu eżaminati dawn il-kwistjonijiet legali li jkun possibbli li jiġi stabbilit jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx żbalji ta' liġi u jekk l-ilment imqajjem mill-Parlament jistax jitqies li huwa fondat. Il-kunsiderazzjonijiet segwenti jsegwu din l-istruttura ta' analiżi.

B. Il-kunċett ta' "imparzjalità" fid-dritt tal-Unjoni

1. Kunsiderazzjonijiet preliminari

54. Skont l-użu komuni, il-kunċett ta' "imparzjalità" jfisser "newtralità". Huwa jirreferi għall-kwalità jew għan-natura ta' xi ħadd li ma jiffavorixxi ebda parti għad-detriment tal-parti l-oħra jew dak li huwa oġġettiv, ġust u ekwu[2]. B'dan premess, għandha tingħibed l-attenzjoni

[2] Il-kunċett ta' "imparzjalità" huwa intrinsikament marbut mal-kunċett ta' "ġustizzja". L-imparzjalità hija kkunsidrata fil-filosofija tad-dritt bħala kundizzjoni ta' natura etika neċessarja sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi, u għalhekk ugwali jew ekwa, tal-liġi għall-partijiet fil-kawża, u b'hekk jiġu evitati deċiżjonijiet arbitrarji (ara, f'dan is-sens, Petersen J., *Nietzsches Genialität der Gerechtigkeit*, Berlin, 2008, p. 102, u Drews A., *Kants Naturphilosophie als Grundlage seines Systems*, Berlin, 1894, p. 250). Dan jimplika d-distakk tal-persuna li tiddeċiedi mill-interessi personali tagħha kif ukoll it-tehid ta' deċiżjoni indipendentement mill-istatus tal-persuna kkonċernata (ara, f'dan ir-rigward, Guinchard, S., "La gestion des conflits d'intérêts du juge: entre statut et vertu", *Pouvoirs*, 2013/4, nº147, p. 39). Skont tradizzjoni li tmur lura għall-Medju Evu, l-imparzjalità li fuqha huma bbażati s-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri hija ssimbolizzata permezz tal-immaġni ta' mara bl-għamad, personifikazzjoni allegorika ispirata mill-allat Iustitia u Themis, li jirriżultaw mill-mitoloġija Rumana u Griega rispettivament.

għall-fatt li d-dritt tal-Unjoni jagħti importanza partikolari lill-imparzjalità ta' dawk li huma msejħa sabiex jeżerċitaw funzjoni speċifika – ġeneralment marbuta mat-teħid ta' deċiżjonijiet jew mar-riżoluzzjoni ta' tilwim – fl-istruttura istituzzjonali tagħha, kemm jekk dawn ikunu l-imħallfin u l-avukati ġenerali [3] fil-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll l-uffiċjali u membri tal-persunal oħra fi ħdan id-diversi istituzzjonijiet, korpi u organi. Dan huwa b'mod partikolari dovut għall-fatt li l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni adotta diversi prinċipji li għandhom l-oriġini tagħhom fit-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri tagħha.

55. Fil-fatt, minkejja li l-Unjoni, bħala organizzazzjoni sopranazzjonali, ma għandhiex hija stess il-kwalità ta' "Stat" fis-sens tal-kunċetti tax-xjenzi politiċi, huwa ċar li t-Trattati tawha kompetenzi li jevokaw sensiela ta' karatteristiċi speċifiċi għall-Istati Membri. Il-prinċipju ta' bilanċ istituzzjonali li jirriżulta mill-Artikolu 13(2) TUE, li jipprovdi li "[k]ull istituzzjoni tal-Unjoni għandha taġixxi fil-limiti tal-attribuzzjoni tal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati, skont il-proċeduri, il-kundizzjonijiet u l-finijiet previsti minnhom" [4], huwa intiż preċiżament sabiex jiggarantixxi r-rispett reċiproku, fi ħdan l-Unjoni, tas-setgħat mogħtija lill-istituzzjonijiet. L-istess japplika għar-rikonoxximent tal-valuri universali li jikkostitwixxu "drittijiet invjolabbli u inaljenabbli tal-bniedem, kif ukoll il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, u l-istat tad-dritt", kif imsemmija fil-preambolu tat-Trattat UE. Diversi dispożizzjonijiet fit-Trattati, u b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jiggarantixxu li l-Unjoni tirrispetta dawn il-prinċipji fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha. Fl-istadju attwali tal-evoluzzjoni tiegħu, l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jippreżenta paralleliżmi notevoli mal-ordinament ġuridiku tal-Istati Membri tagħha.

56. B'ħarsa minn perspettiva differenti, huwa possibbli li jiġi affermat li l-garanzija tal-imsemmija prinċipji u valuri tikkostitwixxi kundizzjoni imperattiva għat-trasferiment ta' setgħat favur l-Unjoni. Sa fejn hija tassumi iktar u iktar kompetenzi li qabel kienu tal-Istati Membri, hija u tissostitwixxi lil dawn tal-aħħar, l-ordinament ġuridiku tagħha kellu jevolvi b'mod li jirrifletti l-valuri u l-prinċipji ta' dawn tal-aħħar. Barra minn hekk, peress li d-dritt tal-Unjoni ħafna drabi jirrikjedi implimentazzjoni fil-livell nazzjonali, pereżempju, permezz tat-traspożizzjoni ta' direttiva mill-korpi leġiżlattivi nazzjonali jew tal-adozzjoni ta' atti amministrattivi mill-awtoritajiet nazzjonali, kellha tiġi żgurata omoġeneità ta' valuri u ta' prinċipji [5]. Din hija indispensabbli għall-funzjonament tajjeb ta' kull sistema ta' governanza f'diversi livelli, kemm jekk ikun pajjiż bi struttura federali kif ukoll sistema ta' integrazzjoni reġjonali bħall-Unjoni.

57. F'dak li jirrigwarda speċifikament il-kunċett ta' "imparzjalità", għandu jiġi nnotat li, peress li dan huwa rrikonoxxut fl-Istati Membri kollha taħt diversi aspetti, huwa loġiku li dan jagħmel ukoll parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Il-kwistjoni li tqum f'dan il-kuntest hija dik li nsiru nafu liema huma l-oqsma li għalihom japplika dan il-kunċett, filwaqt li jittieħdu

[3] Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali għandu d-dmir li pubblikament, b'kull imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, jipproponi konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li, skont l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jeżiġu l-intervent tiegħu (ara f'dan ir-rigward, is-sentenzi tat-3 ta' Diċembru 2015, Banif Plus Bank, C-312/14, EU:C:2015:794, punt 33, u tad-9 ta' Ġunju 2016, Pesce *et*, C-78/16 u C-79/16, EU:C:2016:428, punt 25).

[4] Sentenzi tal-14 ta' April 2015, Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni (C-409/13, EU:C:2015:217, punt 64); tas-16 ta' Lulju 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-425/13, EU:C:2015:483, punt 69); tas-6 ta' Ottubru 2015, Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni (C-73/14, EU:C:2015:663, punt 61); u tat-28 ta' Lulju 2016, Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni (C-660/13, EU:C:2016:616, punt 32).

[5] Fid-dritt amministrattiv, l-isforz li tiġi ggarantita din l-omoġeneità tal-valuri u tal-prinċipji li jikkaratterizzaw l-amministrazzjoni tajba jimmanifesta ruħu fl-applikazzjoni, minn naħa, tal-Artikolu 41 tal-Karta għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, li għalihom hija indirizzata din id-dispożizzjoni, u, min-naħa l-oħra, tal-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li jirrifletti din id-dispożizzjoni, għall-Istati Membri meta jimplimentaw dan id-dritt. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2019, PI (C-230/18, EU:C:2019:383, punt 57), u tal-24 ta' Novembru 2020, Minister van Buitenlandse Zaken (C-225/19 u C-226/19, EU:C:2020:951, punt 34).

inkunsiderazzjoni l-indizji prezzjużi pprovduti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nippreżenta deskrizzjoni ta' din il-ġurisprudenza bil-għan li jiġi kkonfermat ir-rikonoxximent tal-kunċett ta' "imparzjalità" bħala prinċipju ċentrali tad-dritt tal-Unjoni.

2. Applikazzjoni għas-sistema ġudizzjarja

58. L-indipendenza u l-imparzjalità jikkostitwixxu ż-żewġ prinċipji fundamentali ta' kull sistema ġudizzjarja[6]. Dawn il-prinċipji jiggarantixxu lill-partijiet fil-kawża li l-att ta' ġudizzju jiġi ddeterminat biss bl-argumenti tad-dibattitu ġudizzjarju, mingħajr ebda pressjoni jew preġudizzju. L-imparzjalità, li hija element fundamentali tad-dritt għal smigħ xieraq, stabbilit minn testi eminenti, bħall-Artikolu 10 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 14(1) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmat f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), tindika l-assenza ta' preġudizzju li għandu jikkaratterizza lill-qorti. F'dan is-sens, l-indipendenza tikkonċerna pjuttost ir-relazzjonijiet tal-qorti mal-poteri l-oħra u tikkostitwixxi kundizzjoni neċessarja, minkejja li bl-ebda mod ma hija suffiċjenti, tal-imparzjalità tagħha fir-relazzjonijiet tagħha mal-partijiet fil-kawża.

59. It-Trattati u l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jikkostitwixxu l-bażi ta' attività ġudizzjarja indipendenti fil-livell sopranazzjonali[7], li tippermetti trattament b'imparzjalità sħiħa tal-kawżi mressqa quddiemha. Meta dawn l-atti ma jipprevedux dispożizzjonijiet speċifiċi sabiex jiġu ttrattati ċerti kwistjonijiet ta' proċedura b'mod xieraq, il-Qorti tal-Ġustizzja spiss tispira ruħha mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bħala korp ġudizzjarju internazzjonali inkarigat bl-interpretazzjoni tal-KEDB, li tirrifletti t-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri. Sa fejn dawn id-drittijiet u tradizzjonijiet kostituzzjonali jagħmlu parti mid-dritt tal-Unjoni bħala prinċipji ġenerali, konformement mal-Artikolu 6(3) TUE, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għandha awtorità magħrufa meta tkun kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' dawn il-prinċipji ġenerali fi ħdan l-Unjoni.

60. Is-sentenza tad-19 ta' Frar 2009, Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament (C-308/07 P, iktar 'il quddiem is-"sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament", EU:C:2009:103), hija partikolarment rilevanti f'dan il-kuntest, peress li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja fakkret fl-importanza tad-dritt għal smigħ xieraq, stabbilit fl-Artikolu 6(1) tal-KEDB, diġà msemmi, u li jimplika l-aċċess għal kull persuna għal qorti indipendenti u imparzjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, fir-rigward tal-istatus tagħha fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, li d-dritt għal smigħ xieraq jikkostitwixxi dritt fundamentali li l-Unjoni tirrispetta bħala prinċipju ġenerali skont l-Artikolu 6(2) UE[8]. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li s-sentenza inkwistjoni tmur lura għal żmien qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, billi l-imsemmi dritt huwa llum stabbilit

6 Għal deskrizzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ prinċipji fil-livell internazzjonali, ara Olborne, B., "Independence and impartiality: International standards for national judges and courts", *The Law and Practice of International Courts and Tribunals*, Vol. 2, Nru 1, April 2003, p. 97.

7 Ara, f'dan ir-rigward, Voßkuhle, A., "The cooperation between European courts: the Verbund of European courts and its legal toolbox", *The Court of Justice and the Constitution of Europe: analyses and perspectives on sixty years of case-law*, Den Haag, 2013, p. 82. L-awtur jispjega li l-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża rrikonoxxiet espressament il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

8 Sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament, punt 41.

fl-Artikolu 47 tal-Karta, li jipprovdi, *inter alia*, aċċess għal kulħadd għal qorti indipendenti u *imparzjali*. Għandu jiġi osservat li d-dritt tal-Unjoni huwa intiż li joffri livell ta' protezzjoni simili jew, tal-inqas, ekwivalenti għal dak iggarantit mill-KEDB.

61. Waħda mill-kwistjonijiet legali li kienu tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'dak iż-żmien, fil-kuntest ta' appell magħmul kontra digriet tal-Qorti Ġenerali, kienet tikkonsisti f'li jiġi stabbilit jekk il-fatt li mħallef wieħed jew iktar ikunu preżenti f'żewġ kulleġġi ġudikanti suċċessivi u jeżerċitaw l-istess funzjonijiet fihom, bħal dawk ta' President jew ta' Mħallef Relatur, kienx ta' natura li jqajjem dubju fir-rigward tal-imparzjalità tal-Qorti Ġenerali. Għandu jitfakkar li r-rikorrent fil-kawża li tat lok għas-sentenza inkwistjoni kien argumenta li, skontu, l-osservanza tal-prinċipju ta' imparzjalità teżiġi li l-istess imħallef ma jistax, inkluż fil-każ meta jirrigwarda l-istess grad ta' ġurisdizzjoni, jisma' kawża bbażata fuq fatti identiċi jew konnessi biżżejjed ma' dawk ta' kawża li diġà ġiet deċiża [9]. Fil-fehma tiegħu, ksur tad-dritt għal qorti imparzjali kien jirriżulta mill-attribuzzjoni tal-kawża li tat lok għad-digriet appellat lil kulleġġ ġudikanti kompost minn imħallfin, inklużi dawk li jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' president u ta' mħallef relatur, li kienu diġà fformaw parti mill-kulleġġ ġudikanti li ta s-sentenza f'kawża preċedenti, li kienet tirrigwarda parzjalment l-istess fatti.

62. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dan l-argument, billi wieġbet fin-negattiv għall-kwistjoni legali li tressqitilha. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk l-eżistenza ta' garanziji fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-qorti tirrappreżenta l-pedament tad-dritt għal smigħ xieraq, il-fatt li mħallfin li darba semgħu kawża jifformaw parti minn kulleġġ ġudikanti ieħor li għandu mill-ġdid jisma' l-istess kawża ma jistax jitqies fih innifsu bħala inkompatibbli mar-rekwiżiti tad-dritt għal smigħ xieraq [10]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, b'mod partikolari, il-fatt li mħallef wieħed jew iktar jifformaw parti miż-żewġ kulleġġi ġudikanti suċċessivi u jeżerċitaw fihom l-istess funzjonijiet ma għandux minnu nnifsu impatt fuq l-evalwazzjoni tal-osservanza tar-rekwiżit ta' imparzjalità peress li l-imsemmija funzjonijiet huma eżerċitati f'kulleġġ ġudikanti [11]. Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali kunsiderazzjonijiet japplikaw *a fortiori* meta ż-żewġ kulleġġi ġudikanti suċċessivi kellhom jittrattaw mhux l-istess kawża, iżda żewġ kawżi distinti li għandhom ċertu grad ta' konnessjoni [12].

63. B'mod partikolari, għandu jiġi kkunsidrat li l-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq il-kunċett ta' "imparzjalità" żviluppat fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [13] sabiex tapplikah għas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni. B'mod iktar konkret, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-ħtieġa ta' imparzjalità tkopri fir-realtà żewġ aspetti. Fl-ewwel lok, il-qorti għandha tkun suġġettivament imparzjali, jiġifieri li ebda wieħed mill-membri tagħha ma għandu juri li ħa pożizzjoni jew li għandu preġudizzju personali, peress li l-imparzjalità personali hija preżunta sakemm tingħata prova kuntrarja. Fit-tieni lok, il-qorti għandha tkun oġġettivament imparzjali, jiġifieri li għandha tagħti garanziji suffiċjenti sabiex teskludi f'dan ir-rigward kull dubju leġittimu [14].

9 Sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament, punt 39.

10 Sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament, punt 43.

11 Sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament, punt 44.

12 Sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament, punt 45.

13 Sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-24 ta' Frar 1993, Fey vs L-Awstrija (CE:ECHR:1993:0224JUD001439688, punt 28); tal-25 ta' Frar 1997, Findlay vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1997:0225JUD002210793, punt 73); kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2007, Forum Maritime SA vs Ir-Rumanija (CE:ECHR:2007:1004JUD006361000, punt 116).

14 Sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament, punt 46.

64. Lura lejn il-fatti tal-każ ineżami li ġew sottomessi lilha għal deċiżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, minn naħa, li r-rikorrent ma kien invoka ebda argument ta' natura li jikkontesta l-imparzjalità personali tal-membri tal-Qorti Ġenerali u, min-naħa l-oħra, li ma allega l-ebda element oġġettiv ta' natura li jqajjem dubju fir-rigward tal-imparzjalità tal-Qorti Ġenerali [15]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-rikorrent pjuttost sempliċement invoka l-preżenza tal-istess imħallfin fiż-żewġ kulleġġi ġudikanti inkwistjoni, jiġifieri fatt li ma kienx, bħala tali, inkompatibbli mar-rekwiżiti tad-dritt għal smigħ xieraq. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ċaħdet bħala infondat l-aggravju invokat mill-appellant, ibbażat fuq allegat ksur tad-dritt għal qorti imparzjali [16].

3. Applikazzjoni għad-dritt amministrattiv fis-sens wiesa'

65. Għalkemm ir-rekwiżit ta' imparzjalità huwa partikolarment rilevanti għal kull sistema ġudizzjarja, fid-dawl tar-rwol ċentrali li għandha tradizzjonalment is-setgħa ġudizzjarja fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tad-dritt, dan ma huwiex limitat għal dan il-qasam. Sa fejn l-ordinament ġuridiku jagħti setgħat sovrani lill-korpi tal-amministrazzjoni, li jippermettulhom li jinfluwenzaw l-istatus ġuridiku tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, hemm in-neċessità li l-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat jiġi ssuġġettat għal kundizzjonijiet u li jiġu stabbiliti wkoll ċerti limiti sabiex jiġu protetti l-interessi leġittimi ta' dawn tal-aħħar [17]. Dan għandu jkun rifless ukoll fil-mod kif il-korpi tal-amministrazzjoni jadottaw id-deċiżjonijiet tagħhom, jiġifieri, fuq livell proċedurali. Fil-fatt, id-dritt tal-proċedura huwa tal-inqas importanti daqs ir-regoli sostantivi tad-dritt amministrattiv, peress li jippermetti lill-partijiet fil-kawża li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Id-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet u tal-limiti għall-eżerċizzju tas-setgħat sovrani mill-korpi tal-amministrazzjoni, ġeneralment fil-livell tad-dritt kostituzzjonali, għandha l-għan li toħloq kuntest ta' legalità, karatteristika essenzjali tal-istat tad-dritt [18].

66. Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti japplikaw *a fortiori* għal "unjoni ta' dritt" bħalma hija l-Unjoni li fiha l-istituzzjonijiet tagħha huma suġġetti għall-istħarriġ tal-kompatibbiltà tal-atti tagħhom, b'mod partikolari, mat-Trattati u mal-prinċipji ġenerali tad-dritt [19]. Fost il-prinċipji li fid-dawl tagħhom jitwettaq l-istħarriġ ta' legalità hemm *id-dritt għal amministrazzjoni tajba*, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta u li jiggarantixxi, *inter alia*, id-dritt ta' kull persuna "li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat *b'mod imparzjali* u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi ta' l-Unjoni" (l-użu tal-korsiv huwa tiegħi).

67. Il-partikolarità tal-Artikolu 41 tal-Karta tinsab fil-fatt li dan jittrasforma xi elementi tal-prinċipju oġġettiv ta' legalità fi dritt suġġettiv għal amministrazzjoni tajba. Bħala tali, huwa jagħti s-setgħa lill-persuna li għandha l-imsemmi dritt li titlob lill-amministrazzjoni sabiex

15 Sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament, punt 47.

16 Sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament, punti 48 u 49.

17 Ara Kanska, K., "Towards administrative human rights in the EU. Impact of the Charter of Fundamental Rights", *European Law Journal*, Vol. 10, Nru 3, Mejju 2004, p. 303. L-awtur iqis li l-għoti ta' setgħat amministrattivi Ewropej liċ-ċittadini jgħin sabiex jissaħħaħ l-istatus taċ-ċittadinanza lil hinn mill-qafas strettament nazzjonali. Skont l-awtur, din hija ħtieġa minħabba s-setgħa miżjuda tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

18 Batalli, M. u Fejzullahu, A., "Principles of Good Administration under the European Code of Good Behavior", *Pecs Journal of International and European Law*, 2018, Nru 1, p. 31. L-awturi jindikaw li l-prinċipju ta' legalità huwa kkunsidrat bħala l-bażi ta' kull ordinament ġuridiku, li, essenzjalment, jiddefinixxi l-istat tad-dritt. Skont dan il-prinċipju, l-attivitajiet amministrattivi kollha għandhom ikunu bbażati fuq regoli ġuridiċi.

19 Sentenzi tas-26 ta' Ġunju 2012, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (C-336/09 P, EU:C:2012:386, punt 36), u tal-5 ta' Novembru 2019, BĊE *et* vs Trasta Komercbanka *et* (C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, EU:C:2019:923, punt 54).

taġixxi b'ċertu mod jew li tastjeni milli taġixxi [20]. Din id-dispożizzjoni tipprovdi għall-proċedura amministrattiva ta' garanziji ekwivalenti għal dawk previsti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta għall-proċedura ġudizzjarja. Konsegwentement, ċerti drittijiet, bħad-dritt għal smigħ, jistgħu jaqgħu kemm taħt id-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta, kif ukoll taħt ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smigħ xieraq iggarantiti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta [21]. Għalhekk, l-applikabbiltà tagħhom tiddependi mill-proċedura inkwistjoni. L-oriġini tal-Artikolu 41 tal-Karta turi li din id-dispożizzjoni hija bbażata fuq tradizzjonijiet legali nazzjonali u Ewropej [22], u b'mod partikolari fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li invokat okkażjonalment il-kunċett ta' "amministrazzjoni tajba" sabiex issaħħaħ l-istatus tal-persuni taxxabbli [23].

68. Peress li d-dritt amministrattiv tal-Unjoni ma huwiex ikkodifikat bi strument leġiżlattiv wieħed, iżda pjuttost b'multipliċità ta' atti ġuridiċi li kull wieħed jirregola settur rispettiv [24], il-proċeduri amministrattivi jistgħu jvarjaw ukoll b'mod kunsiderevoli [25]. Madankollu, ċerti prinċipji li jirregolaw il-proċedura amministrattiva japplikaw b'mod obbligatorju, inklużi d-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 41 tal-Karta, li, fl-intier tagħhom, jistabbilixxu d-dritt għal amministrazzjoni tajba. Minħabba l-istatus kostituzzjonali tiegħu fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, l-Artikolu 41 tal-Karta għandu l-effett li jistabbilixxi *dritt orizzontali* għal amministrazzjoni tajba li japplika għal kull proċedura amministrattiva, anki jekk att leġiżlattiv li jistabbilixxi tali proċedura ma jipprevedix dan espressament [26].

69. Sabiex nispjega aħjar il-portata ta' dan id-dritt, u b'mod iktar speċifiku r-rekwiżit ta' imparzjalità fid-dritt amministrattiv tal-Unjoni, ser nippreżenta iktar 'il quddiem xi eżempji meħuda mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-oqsma tad-dritt tal-kompetizzjoni [27], tal-awtorizzazzjoni ta' prodotti mediċinali [28] u tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja taż-żona

20 Ara, f'dan is-sens, Kanska, K., "Towards Administrative Human Rights in the EU. Impact of the Charter of Fundamental Rights", *European Law Journal*, Vol. 10, Nru°3, Mejju 2004, p. 300. Ara wkoll Bousta, R., "Who Said there is 'a Right to Good Administration'? A Critical Analysis of Article 41 of the Charter of Fundamental Rights of the European Union", *European Public Law*, 2013, Nru 3, p. 488, fejn l-awtur jikkunsidra, min-naħa l-oħra, li d-dritt għal amministrazzjoni tajba jipprovdi garanziji proċedurali għat-twettiq tad-drittijiet fundamentali.

21 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża M. (C-277/11, EU:C:2012:253, punt 31).

22 It-Trattati tal-Unjoni diġà jipprevedu xi dispożizzjonijiet li servew bħala sors ta' ispirazzjoni għall-kodifikazzjoni tal-Artikolu 41 tal-Karta. Għalhekk, l-Artikolu 41(2)(ċ) tal-Karta huwa bbażat fuq l-Artikolu 296 TFUE; l-Artikolu 41(3) tal-Karta huwa bbażat fuq l-Artikolu 340 TFUE; l-Artikolu 41(4) tal-Karta huwa bbażat fuq l-Artikolu 20(2)(d) TFUE. Min-naħa l-oħra, ir-rekwiżit ta' "imparzjalità" ma huwiex espressament imsemmi fit-Trattati. Huwa biss l-Artikolu 298 TFUE li jitkellem dwar l-amministrazzjoni Ewropea "indipendenti".

23 Ara, f'dan ir-rigward, l-ispjegazzjonijiet dwar l-Artikolu 41 tal-Karta (ĠU 2007, C 303, p. 17), kif ukoll is-sentenzi tat-13 ta' Lulju 1966, Consten u Grundig vs Il-Kummissjoni (56/64 u 58/64, EU:C:1966:41, p. 501); tad-9 ta' Lulju 1970, Tortora vs Il-Kummissjoni (32/69, EU:C:1970:68, punt 11); u tal-31 ta' Marzu 1992, Burban vs Il-Parlament (C-255/90 P, EU:C:1992:153, punt 7).

24 Ara, f'dan ir-rigward, Mendes, J., "The EU Administrative Institutions, Their Law and Legal Scholarship", *The Oxford Handbook of Comparative Administrative Law*, Oxford, 2021, p. 544; Stelkens, U. u Andrijauskaite, A., "How to Assess the Effectiveness of the Pan-European General Principles of Good Administration", *Good Administration and the Council of Europe*, Oxford, 2020, p. 68. Dawn l-awturi jitkellmu dwar il-"frammentazzjoni" attwali tad-dritt amministrattiv tal-Unjoni, inkluża l-proċedura amministrattiva, f'diversi atti leġiżlattivi.

25 Fil-passat, xorta waħda kien hemm inizjattivi intiżi sabiex jinħoloq kodiċi uniku ta' proċedura amministrattiva, jiġifieri r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Jannar 2013, adottata skont l-Artikolu 225 TFUE, li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar dritt tal-proċedura amministrattiva tal-Unjoni Ewropea (2012/2024 (INL); A7–0369/2012), kif ukoll il-"Proposta ta' regolament għal amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effikaċi u indipendenti" (2016/2610(RSP); P8_TA(2016)0279), approvata mill-Parlament b'riżoluzzjoni tad-9 ta' Ġunju 2016, li fiha huwa stieden lill-Kummissjoni teżamina l-imsemmija proposta għal regolament u talabha tippreżentalu proposta leġiżlattiva. Madankollu, ma jidhirx li l-Kummissjoni aġixxiet fuq din it-talba.

26 Ara, f'dan is-sens, Ladenburger, C., "Evolution oder Kodifikation eines allgemeinen Verwaltungsrechts in der EU", *Allgemeines Verwaltungsrecht – zur Tragfähigkeit eines Konzepts*, Tübingen, 2008, p. 116. L-awtur iqis li l-Artikolu 41 tal-Karta jikkostitwixxi "kodifikazzjoni kompressa u ġenerali" li tistipula d-drittijiet proċedurali prinċipali bħala drittijiet suġġettivi.

27 Ara l-punti 70 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

28 Ara l-punti 76 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

tal-euro [29], kif ukoll tad-dritt tas-servizz pubbliku [30]. L-analiżi ta' din il-ġurisprudenza tikkostitwixxi l-punt ta' tluq sabiex sussegwentement jiġi eżaminat jekk ir-rekwiżit ta' imparzjalità jistax jiġi applikat għall-investigazzjonijiet fil-kuntest ta' proċedura dixxiplinari.

a) Id-dritt tal-kompetizzjoni

70. Is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni (C-439/11 P, iktar 'il quddiem is-"sentenza Ziegler vs Il-Kummissjoni", EU:C:2013:513), tipprovdi tagħlim utli għall-applikazzjoni tad-dritt għal amministrazzjoni tajba għall-proċeduri li jaqgħu taħt id-dritt tal-kompetizzjoni. Fil-kawża inkwistjoni, li kienet tirrigwarda l-parteċipazzjoni ta' diversi impriżi f'akkordju fis-settur tas-servizzi ta' ġarr internazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tistabbilixxi, *inter alia*, jekk id-drittijiet tal-impriżi involuti kinux ġew irrispettati mill-Kummissjoni, bħala awtorità responsabbli li tissanzjona l-akkordji illegali. Skont waħda mill-impriżi involuti, id-deċiżjoni li biha l-Kummissjoni kienet imponitilha multa kienet ivvizzjata b'assenza ta' imparzjalità oġġettiva minħabba li l-Kummissjoni kienet ikkonċernata mill-ksur allegat kemm minħabba l-fatt li din tal-aħħar kienet waħda mill-vittmi kif ukoll minħabba l-fatt li uffiċjali tal-Kummissjoni kienu involuti fl-attivitajiet illegali. Dan l-argument huwa bbażat fuq il-premessa li l-vittmi ta' ksur ma jistgħux jintalbu jieħdu deċiżjoni dwaru [31].

71. Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat dan l-argument, billi stabbilixxiet, qabelxejn, li għalkemm il-Kummissjoni ma tistax tiġi kklassifikata bħala "qorti" fis-sens tal-Artikolu 6 tal-KEDB, hija xorta waħda tibqa' obbligata li tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni matul il-proċedura amministrattiva, li fosthom hemm id-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li huwa dan tal-aħħar, u mhux l-Artikolu 47 tal-Karta, li jirregola l-proċedura amministrattiva fil-qasam tal-akkordji quddiem il-Kummissjoni [32]. Din il-konstatazzjoni tipprovdi kjarifika importanti dwar il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi u r-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, aspetti li dwarhom diġà ġbidt l-attenzjoni f'dawn il-konklużjonijiet [33].

72. Filwaqt li rreferiet għall-ġurisprudenza tagħha, b'mod partikolari fis-sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament imsemmija iktar 'il fuq [34], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-Artikolu 41 tal-Karta, kull persuna għandha d-dritt, b'mod partikolari, li tara li l-kawżi tagħha jinstemgħu b'mod imparzjali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dan ir-rekwiżit ta' imparzjalità jkopri, minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva, fis-sens li ebda membru tal-istituzzjoni kkonċernata li jkun responsabbli mill-każ ma għandu juri parzjalità jew preġudizzju personali u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva, fis-sens li l-istituzzjoni għandha tagħti garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż f'dan ir-rigward kull dubju leġittimu [35].

73. Filwaqt li osservat li l-kunċett ta' "imparzjalità oġġettiva" biss kien inkwistjoni f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fid-dawl tal-argument ippreżentat mill-impriża involuta, li l-fatt biss li l-Kummissjoni tinvestiga akkordju li affettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u wassal għas-sanzjoni ma jistax iwassal għal nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tagħha. Skont il-Qorti

29 Ara l-punti 84 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

30 Ara l-punti 91 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

31 Sentenza Ziegler vs Il-Kummissjoni, punt 146.

32 Sentenza Ziegler vs Il-Kummissjoni, punt 154.

33 Ara l-punt 67 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 Ara l-punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet.

35 Sentenza Ziegler vs Il-Kummissjoni, punt 155.

tal-Ġustizzja, kieku dan ma kienx il-każ, is-sempliċi possibbiltà li l-Kummissjoni, jew anki istituzzjoni oħra tal-Unjoni, setgħet kienet vittma ta' aġir antikompetittiv ikollha l-effett li ċċaħħad lill-Kummissjoni mill-kompetenza tagħha li tinvestiga tali aġir, sitwazzjoni li ma tistax tiġi aċċettata. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li huwa importanti, b'mod partikolari, li jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 105 TFUE, fost il-kompiti mogħtija lill-Kummissjoni mit-Trattati jinsab preċiżament dak li tiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE [36].

74. Il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement qieset li l-fatt li d-dipartimenti tal-Kummissjoni inkarigati mill-proċeduri kontra l-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u dawk responsabbli miċ-ċaqliq tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal ta' din l-istituzzjoni jappartjenu lill-istess struttura organizzattiva lanqas ma jkun jista', waħdu, iqiegħed f'dubju l-imparzjalità oġġettiva ta' din l-istituzzjoni, sa fejn dawn id-dipartimenti jagħmlu neċessarjament parti mill-istruttura li lilha jappartjenu [37]. Finalment, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jistgħu jiġu suġġetti għall-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni u li d-dritt tal-Unjoni jipprevedi sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, b'mod partikolari ta' dawk li jikkonċernaw il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, li tagħti l-garanziji kollha meħtieġa mill-Artikolu 47 tal-Karta [38].

75. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li ma kien hemm ebda indizju li juri li l-Kummissjoni naqset milli twettaq l-obbligu ta' imparzjalità impost fuqha. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ċaħdet il-motiv imqajjem mill-impriża involuta, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal proċedura ekwa u tal-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba [39].

b) L-awtorizzazzjoni ta' prodotti mediċinali

76. Għalkemm id-dritt tal-kompetizzjoni seta' possibbilment jidher bħala qasam partikolari fid-dritt amministrattiv, fid-dawl tas-setgħat wiesgħa ta' kontroll attribwiti lill-Kummissjoni, ta' natura li jiġġustifikaw ir-rikonoxximent ta' ċerti garanziji lill-persuni ġuridiċi suġġetti għal din is-sistema legali [40], is-sentenza tas-27 ta' Marzu 2019, August Wolff u Remedia vs Il-Kummissjoni (C-680/16 P, iktar 'il quddiem is-"sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni", EU:C:2019:257) turi b'mod ċar li r-rekwiżit ta' imparzjalità stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta huwa kompletament applikabbli għall-proċeduri amministrattivi quddiem id-diversi istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni. Barra minn hekk, dik is-sentenza fiha kjarifiki siewja dwar il-portata tal-obbligi li għandhom l-uffiċjali u l-membri tal-persunal li jaħdmu fihom.

77. L-oriġini tat-tilwima li wasslet għall-imsemmija sentenza kienet deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet nazzjonali ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali u li kienet ibbażata fuq l-opinjoni mogħtija minn kumitat għall-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (iktar 'il quddiem il-"kumitat"), inkarigat sabiex jipprepara l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (iktar 'il quddiem l-"EMA") dwar kull kwistjoni relatata mal-evalwazzjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem. Ir-rikorrenti li talbu l-annullament ta' din id-deċiżjoni mill-Qorti Ġenerali kienu enfasizzaw il-fatt li r-relatriċi

36 Sentenza Ziegler vs Il-Kummissjoni, punti 155 u 156.

37 Sentenza Ziegler vs Il-Kummissjoni, punt 158.

38 Sentenza Ziegler vs Il-Kummissjoni, punt 159.

39 Sentenza Ziegler vs Il-Kummissjoni, punt 160.

40 Ara, f'dan is-sens, Craig, P., *The EU Charter of Fundamental Rights* (editjat minn Peers/Hervey/Kenner/Ward), Oxford, 2014, artikolu 41, 41.25, p. 1077.

prinċipali, innominata mill-imsemmi kumitat sabiex tipprepara l-opinjoni tiegħu, kienet aġixxiet f'kapaċità doppja, għaliex hija kienet impjegata wkoll mill-awtorità nazzjonali li kienet bdiet il-proċedura ta' reviżjoni tal-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq quddiem il-kumitat. Issa, tali ċirkustanza tikkostitwixxi sovrappożizzjoni ta' funzjonijiet u kunflitt ta' interessi li joħolqu dubju leġittimu dwar l-imparzjalità tal-proċedura [41].

78. Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-argumenti invokati mir-rikorrenti, billi fakkret qabelxejn li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni huma obbligati jirrispettaw id-drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni, li fosthom hemm id-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta. Il-Qorti tal-Ġustizzja ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li l-ewwel paragrafu ta' din id-dispożizzjoni jipprovdi b'mod partikolari li kull persuna għandha d-dritt li l-affarijiet tagħha jiġu ttrattati b'mod imparzjali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni [42].

79. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li r-rekwiżit ta' imparzjalità, impost fuq l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, huwa intiż li jiżgura l-ugwaljanza fit-trattament li hija l-bażi tal-Unjoni. Dan ir-rekwiżit huwa intiż, b'mod partikolari, li jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi eventwali fir-rigward ta' uffiċjali u ta' aġenti li jaġixxu għan-nom tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi. Fid-dawl tal-importanza fundamentali tal-garanzija ta' indipendenza u ta' integrità f'dak li jirrigwarda kemm il-funzjonament intern kif ukoll id-dehra esterna tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni, ir-rekwiżit ta' imparzjalità jkopri kull ċirkustanza li l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal mitlub li jippronunzja ruħu f'każ għandu raġonevolment jinterpreta bħala li hija ta' natura li tidher, f'għajnejn terzi, li tista' taffettwa l-indipendenza tiegħu fil-kwistjoni [43].

80. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn l-istituzzjonijiet, korpi u organi għandhom jikkonformaw ruħhom mar-rekwiżit ta' imparzjalità, fiż-żewġ komponenti tiegħu li huma, minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva, fis-sens li ebda membru tal-istituzzjoni kkonċernata ma għandu juri parzjalità jew preġudizzju personali, u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva, skont liema din l-istituzzjoni għandha toffri garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż kull dubju leġittimu dwar preġudizzju li jista' jkun hemm [44]. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, ta' dan it-tieni komponent tal-prinċipju ta' imparzjalità, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, meta diversi istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni jingħataw responsabbiltajiet speċifiċi u distinti fil-kuntest ta' proċedura li tista' twassal għal deċiżjoni li tikkawża preġudizzju lil individwu, kull waħda minn dawn l-entitajiet hija meħtieġa, għal dak li jirrigwardaha, li tikkonforma ruħha mar-rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva. Għaldaqstant, anki fil-każ li tkun biss waħda minnhom li tkun naqset milli tosserva dan ir-rekwiżit, tali nuqqas jista' jivvizzja b'illegalità d-deċiżjoni adottata mill-istituzzjoni l-oħra fi tmiem il-proċedura kkonċernata [45].

81. Il-Qorti tal-Ġustizzja qablet mal-opinjoni tar-rikorrenti, billi kkunsidrat li ċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża f'dak il-każ setgħu jqajmu dubji dwar l-osservanza tar-rekwiżit ta' imparzjalità. B'mod iktar konkret, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-imparzjalità oġġettiva tal-kumitat inkwistjoni setgħet tiġi kompromessa minħabba l-kunflitt ta' interessi li jinvolvi s-sovrappożizzjoni ta' funzjonijiet ta' wieħed mill-membri tiegħu, u dan irrispettivament mill-aġir

41 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 21.

42 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punti 24 u 25.

43 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 26.

44 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 27.

45 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 28.

personali tal-imsemmi membru [46]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala fatturi deċiżivi r-rwol mogħti lir-relatriċi fi ħdan l-imsemmi kumitat kif ukoll in-nuqqas ta' garanziji suffiċjenti sabiex tiġi evitata kull influwenza indebita fuq l-opinjoni tal-kumitat. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li huwa l-kumitat, b'teħid inkunsiderazzjoni tar-responsabbiltajiet speċifiċi li r-relatriċi assumiet, li għandu jkun partikolarment viġilanti fl-attribuzzjoni ta' din il-funzjoni, sabiex jiġi evitat it-tnissil ta' kwalunkwe dubju leġittimu dwar preġudizzju li jista' jkun hemm [47].

82. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex jintwera li l-organizzazzjoni tal-proċedura amministrattiva ma tagħtix garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż kull dubju leġittimu dwar possibbiltà ta' preġudizzju, ma huwiex meħtieġ li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' nuqqas ta' imparzjalità minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tar-rwol tar-relatriċi fil-kuntest tal-proċeduri żvolti quddiem il-kumitat. Huwa biżżejjed li jkun jeżisti dubju leġittimu f'dan ir-rigward u li ma jkun jista' jiġi eliminat [48]. Fir-rigward ta' dak il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, essenzjalment, li osservaturi terzi setgħu jikkunsidraw b'mod leġittimu li l-awtorità nazzjonali li tat bidu għall-proċedura quddiem il-kumitat kienet kapaċi tinfluwenza d-deċiżjonijiet meħuda minn dan tal-aħħar [49]. Il-valur ta' dik is-sentenza jinsab fil-fatt li stabbilixxiet ċertu livell ta' prova li jippermetti li jiġi ddeterminat jekk l-imparzjalità oġġettiva ġietx kompromessa f'każ partikolari. Nerġgħu niġu għal dan iktar tard meta niġu biex neżaminaw il-kawża preżenti fid-dawl tal-kriterji żviluppati fil-ġurisprudenza.

83. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-kumitat kien ipprovda garanziji suffiċjenti għall-esklużjoni ta' eżistenza ta' dubju leġittimu fir-rigward tal-osservanza tal-obbligu ta' imparzjalità stabbilit mill-Artikolu 41 tal-Karta.

c) Is-sorveljanza ekonomika u baġitarja taż-żona tal-euro

84. Is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Spanja vs Il-Kunsill (C-521/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza Spanja vs Il-Kunsill", EU:C:2017:982), jistħoqqilha wkoll li tiġi ċċitata f'ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza dwar ir-rekwiżit ta' imparzjalità fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva. Ir-rilevanza ta' dik is-sentenza tirriżulta mill-fatt li l-proċedura amministrattiva inkwistjoni tipprevedi fażi ta' investigazzjoni kontra l-Istati Membri, li jqajjem il-kwistjoni dwar jekk dawn tal-aħħar jistgħux jinvokaw id-dritt għal amministrazzjoni tajba, iggarantit mill-Artikolu 41(1) tal-Karta, sabiex jallegaw l-illegalità ta' att amministrattiv [50]. Il-Qorti tal-Ġustizzja espliċitament astjeniet milli tiddeċiedi jekk Stat Membru jistax jiġi kkunsidrat bħala, jew simili għal, "persuna", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, u jista' f'dan ir-rigward jipprevalixxi ruħu mid-dritt li hija tistabbilixxi. Hija xorta waħda ddikjarat li dan id-dritt jirrifletti prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li jista', min-naħa tiegħu, jiġi invokat mill-Istati Membri u li fir-rigward tiegħu għandha, għaldaqstant, tiġi evalwata l-legalità ta' kull att amministrattiv adottat mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

85. Il-kawża li wasslet għas-sentenza Spanja vs Il-Kunsill taqa' fil-qasam tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja taż-żona tal-euro u kienet tikkonċerna, b'mod iktar konkret, is-setgħat ta' investigazzjoni tal-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (l-Eurostat) fil-konfront tal-Istati

46 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 30.

47 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 38.

48 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 37.

49 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 39.

50 Sentenza Spanja vs Il-Kunsill, punt 89.

Membri. Fl-oriġini ta' dik il-kawża kien hemm deċiżjoni adottata mill-Kunsill, li fiha dan tal-aħħar kien ikkonkluda li r-Renju ta' Spanja kien ipprovda, b'negliġenza serja, dikjarazzjonijiet żbaljati lill-Eurostat u kien, minħabba f'hekk, impona multa fuq l-imsemmi Stat Membru. Id-deċiżjoni kontenzjuża kienet ibbażata fuq data miksuba fil-kuntest ta' investigazzjonijiet li jirrigwardaw il-manipulazzjoni tal-istatistika fi Spanja.

86. Billi ma qabilx mad-deċiżjoni kontenzjuża, dan l-Istat Membru ppreżenta rikors għal annullament li fih huwa argumenta, *inter alia*, ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba minħabba li l-proċedura ta' investigazzjoni twettqet taħt kundizzjonijiet li ma kinux jiżguraw l-imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni [51]. B'mod iktar konkret, Spanja sostniet li diversi aġenti fost dawk li ħadu sehem fiż-żjarat imwettqa mill-Eurostat fi Spanja, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li fetħet l-investigazzjoni, kienu jagħmlu parti wkoll mill-grupp li sussegwentement ġie allokat mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni.

87. Kif indikat hawn fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-allegata illegalità tad-deċiżjoni kontenzjuża tal-Kunsill mill-perspettiva tal-prinċipju ġenerali li jirrifletti d-dritt għal amministrazzjoni tajba stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta, billi fakkret fil-ġurisprudenza tagħha, li skontha l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma meħtieġa jikkonformaw mal-imsemmi prinċipju ġenerali tad-dritt fil-kuntest tal-proċeduri amministrattivi miftuħa kontra l-Istati Membri u li jistgħu jirriżultaw f'deċiżjonijiet li jikkawżaw preġudizzju lil dawn tal-aħħar [52]. Filwaqt li rreferiet għas-sentenza Ziegler vs Il-Kummissjoni msemmija iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li dawn l-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit ta' imparzjalità, fiż-żewġ komponenti tiegħu, li huma, minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva, jiġifieri li ebda wieħed mill-membri tal-istituzzjoni kkonċernata ma għandu juri parzjalità jew preġudizzju personali, u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva, jiġifieri li din l-istituzzjoni tagħti garanziji suffiċjenti sabiex teskludi kull dubju leġittimu dwar possibbiltà ta' preġudizzju [53].

88. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-akkuża ta' parzjalità magħmula minn Spanja billi argumentat, essenzjalment, li ż-żjarat, minn naħa, u l-proċedura, min-naħa l-oħra, kienu jaqgħu f'kuntesti ġuridiċi distinti u kellhom għan differenti [54]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk id-data prevista minn dawn iż-żjarat, minn naħa, u minn din il-proċedura ta' investigazzjoni, min-naħa l-oħra, jistgħu parzjalment jikkoinċidu, l-evalwazzjonijiet li l-Eurostat u l-Kummissjoni huma mitluba li jwettqu, rispettivament, dwar din id-data huma, għall-kuntrarju, neċessarjament differenti. Konsegwentement, l-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Eurostat dwar il-kwalità ta' partijiet minn din id-data, wara ż-żjarat imwettqa fi Stat Membru, ma jippreġudikawx, fihom innifishom, il-pożizzjoni li tista' tittieħed mill-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' dikjarazzjonijiet żbaljati relatati ma' din l-istess data fil-każ fejn din l-istituzzjoni tiddeċiedi sussegwentement li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni dwar dan is-suġġett [55].

89. Il-Qorti tal-Ġustizzja minn dan iddeduċiet li l-fatt li l-istruttorja ta' proċedura ta' investigazzjoni bbażata fuq bażi legali ddeterminata tħalliet f'idejn grupp kompost, fil-parti l-kbira tiegħu, minn persunal tal-Eurostat li kien diġà pparteċipa fi żjarat organizzati minn dan id-dipartiment fl-Istat Membru kkonċernat fuq bażi legali distinta, qabel il-ftuħ ta' din

51 Sentenza Spanja vs Il-Kunsill, punt 86.

52 Sentenza Spanja vs Il-Kunsill, punt 90.

53 Sentenza Spanja vs Il-Kunsill, punt 91.

54 Sentenza Spanja vs Il-Kunsill, punt 96.

55 Sentenza Spanja vs Il-Kunsill, punti 99 u 100.

il-proċedura, ma jippermettix, bħala tali, lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li d-deċiżjoni adottata fi tmiem l-imsemmija proċedura hija vvizzjata b'illegalità minħabba ksur tar-rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva li huwa impost fuq il-Kummissjoni [56].

90. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li ma kienx l-Eurostat, iżda pjuttost il-Kummissjoni, u għalhekk il-Kummissarji li jaġixxu b'mod kolleġjali, li jiddeċiedu li jiftħu l-proċedura ta' investigazzjoni, li jassumu r-responsabbiltà li jmexxu l-investigazzjoni u, finalment, li jippreżentaw lill-Kunsill ir-rakkomandazzjonijiet u l-proposti meħtieġa fi tmiem din tal-aħħar. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sa fejn il-kuntest ġuridiku rilevanti ma kien jagħti ebda responsabbiltà proprja lill-persunal tal-Eurostat fit-tmexxija tal-proċedura ta' investigazzjoni, ir-rwol fdat lill-persunal tal-Eurostat f'din il-proċedura ta' investigazzjoni ma setax jitqies bħala deċiżiv la għall-iżvolġiment u lanqas għall-eżitu ta' din il-proċedura. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma jistax jitqies li l-fatt li l-istruttorja tal-proċedura ta' investigazzjoni tħalliet f'idejn grupp kompost, fil-parti l-kbira tiegħu, minn persunal tal-Eurostat li kienu diġà pparteċipaw fi żjarat organizzati minn dan id-dipartiment fi Spanja, qabel il-ftuħ ta' din il-proċedura, jivvizzja d-deċiżjoni kontenzjuża b'allegat ksur mill-Kummissjoni tar-rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-aggravju invokat mir-Renju ta' Spanja bbażat fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba.

4. Applikazzjoni għad-dritt tas-servizz pubbliku

91. Is-sentenzi ppreżentati fil-punti preċedenti juru l-mod kif japplika r-rekwiżit ta' imparzjalità fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi pendenti quddiem istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni. Aspett komuni għal dawn il-kawżi huwa l-fatt li l-proċeduri inkwistjoni jinvolvu persuni ġuridiċi kif ukoll Stati Membri, jiġifieri partijiet li jistgħu jitqiesu bħala "esterni" għall-amministrazzjoni tal-Unjoni. Dan premess, jiena xorta waħda tal-fehma li ma hemm ebda raġuni leġittima li tiġġustifika l-esklużjoni tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal tal-amministrazzjoni miċ-ċirku ta' benefiċjarji tal-protezzjoni ggarantita mill-Artikolu 41 tal-Karta [57]. Għall-kuntrarju, nixtieq nikkonstata f'dan il-kuntest li, l-ewwel, skont din id-dispożizzjoni, "kull persuna" għandha d-dritt li tara li l-kawżi tagħha jiġu ttrattati b'mod imparzjali u, it-tieni, din id-dispożizzjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn id-dritt amministrattiv tal-Unjoni nnifsu u s-servizz pubbliku Ewropew, peress li dan tal-aħħar jaqa' wkoll taħt id-dritt amministrattiv, fis-sens wiesa' tal-kelma. Konsegwentement, ir-rekwiżit ta' imparzjalità għandu jitqies li huwa prinċipju ta' portata ġenerali, applikabbli għal kull proċedura amministrattiva. Kif ser jiġi spjegat iktar 'il quddiem permezz ta' eżempji, din l-interpretazzjoni ġiet ikkonfermata mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

a) Il-proċedura għat-tneħħija tal-immunità ta' uffiċjal

92. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar qabelxejn li, kif jirriżulta mill-Artikolu 41(2) tal-Karta, id-dritt għal amministrazzjoni tajba jinkludi fir-realtà sensiela ta' drittijiet, li jinkludu b'mod partikolari d-dritt għal smigħ. Fis-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs RQ (C-831/18 P, iktar 'il quddiem is-"sentenza Il-Kummissjoni vs RQ", EU:C:2020:481), li ser nippreżenta sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-portata tad-*dritt għal smigħ*

56 Sentenza Spanja vs Il-Kunsill, punt 101.

57 Ara, f'dan is-sens, Jarass, H., *Charta der Grundrechte der Europäischen Union*, ir-raba' edizzjoni, Berlin, 2021, Artikolu 41(10).

[58] fil-kuntest ta' proċedura intiża għat-tneħħija tal-immunità ta' uffiċjal tal-Unjoni. Għaldaqstant, is-sentenza inkwistjoni kienet tikkonċerna aspett essenzjali tas-servizz pubbliku Ewropew, iggarantit mill-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea[59] bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni. Ir-rilevanza ta' dik is-sentenza għall-eżami ta' din il-kawża tinsab fil-fatt li fiha kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 41 tal-Karta, li, għal raġunijiet li ser insemmi iktar 'il quddiem, jidhirli li huma trasponibbli għar-rekwiżit ta' imparzjalità.

93. Fil-parti rilevanti tal-analiżi, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret qabelxejn li, skont il-ġurisprudenza stabbilita, ir-rispett għad-drittijiet tad-difiża jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni[60]. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fir-rigward b'mod iktar partikolari tad-dritt għal smigħ f'kull proċedura, dan jagħmel parti integrali mill-imsemmi prinċipju fundamentali u llum huwa stabbilit mhux biss fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, li jiggarantixxu r-rispett tad-drittijiet tad-difiża kif ukoll tad-dritt għal smigħ xieraq fil-kuntest ta' kull proċedura ġudizzjarja, iżda wkoll fl-Artikolu 41 tagħha, li jiżgura d-dritt għal amministrazzjoni tajba[61]. Fil-fatt, il-paragrafu 2 tal-imsemmi Artikolu 41 jipprevedi li dan id-dritt għal amministrazzjoni tajba jinkludi b'mod partikolari d-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed miżura individwali kontriha li tippreġudikaha[62]. Għandu jiġi rrilevat f'dan il-kuntest li, kif diġà ġie indikat f'dawn il-konklużjonijiet fir-rigward tar-rekwiżit ta' imparzjalità, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza l-paralleliżmu li hemm bejn id-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 41 u 47 tal-Karta, applikabbli rispettivament għal tip ta' proċedura speċifika.

94. Il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement osservat li, kif jirriżulta mill-formulazzjoni tagħha stess, din id-dispożizzjoni hija ta' applikazzjoni ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li d-dritt għal smigħ għandu jiġi rrispettat f'kull proċedura li tista' twassal għal att li jikkawża preġudizzju, anki meta l-leġiżlazzjoni applikabbli ma tipprevedix espressament tali formalità. Barra minn hekk, l-imsemmi dritt jiggarantixxi lil kull persuna l-opportunità li tesponi l-fehma tagħha, b'mod utli u effettiv, matul proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li tista' taffettwa b'mod sfavorevoli l-interessi tagħha[63]. Sa fejn dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkoinċidu mal-osservazzjonijiet li esponejt iktar 'il fuq insostenn tal-argument li r-rekwiżit ta' imparzjalità għandu jinftiehem bħala prinċipju ta' portata ġenerali li jirregola kull proċedura amministrattiva, jidhirli li huwa evidenti li l-Artikolu 41 tal-Karta huwa wkoll intiż li japplika għas-servizz pubbliku Ewropew fir-rigward ta' dan ir-rekwiżit.

95. Raġuni oħra li għaliha s-sentenza Il-Kummissjoni vs RQ għandha importanza partikolari tirriżulta mill-fatt li tinkludi indikazzjonijiet dwar ċerti aspetti tad-dritt amministrattiv ġenerali tal-Unjoni, li jista' jkollhom rwol determinanti għall-eżami ta' din il-kawża u li ser nerġa' nirreferi għalihom iktar tard f'dawn il-konklużjonijiet[64], jiġifieri l-konsegwenzi legali li għandhom jinsiltu meta l-amministrazzjoni tadotta deċiżjoni bi ksur tad-drittijiet proċedurali tal-persuna kkonċernata.

58 Ara wkoll is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, SEAE vs De Loecker (C-187/19 P, EU:C:2020:444, punt 70), li tikkonċerna wkoll id-dritt għal smigħ fil-qasam tas-servizz pubbliku.

59 ĠU 2010, C 83, p. 266.

60 Sentenza Il-Kummissjoni vs RQ, punt 64.

61 Sentenza Il-Kummissjoni vs RQ, punt 65.

62 Sentenza Il-Kummissjoni vs RQ, punt 66.

63 Sentenza Il-Kummissjoni vs RQ, punt 67.

64 Ara l-punti 111 sa 118 ta' dawn il-konklużjonijiet.

96. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tagħha, ksur tad-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ, iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċedura amministrattiva inkwistjoni biss jekk, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti[65]. Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li ma jistax jiġi impost fuq rikorrent li jinvoka l-ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu li juri li d-deċiżjoni tal-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata kien ikollha kontenut differenti, iżda biss li tali ipoteżi ma hijiex totalment eskluża. L-evalwazzjoni ta' din il-kwistjoni għandha ssir skont iċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' dritt speċifiċi ta' kull każ[66].

b) Il-proċedura ta' tneħħija ta' membru tal-Kummissjoni

97. Sabiex tiġi konkluża din il-ħarsa ġenerali ta' ġurisprudenza, għandha tiġi ċċitata s-sentenza tal-25 ta' Frar 2021, Dalli vs Il-Kummissjoni (C-615/19 P, iktar 'il quddiem is-"sentenza Dalli vs Il-Kummissjoni", EU:C:2021:133), bħala eżempju tal-applikazzjoni tar-rekwiżit ta' imparzjalità fil-qasam tas-servizz pubbliku. Il-kawża li tat lok għal dik is-sentenza kienet is-suġġett ta' rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali minn ex membru tal-Kummissjoni Ewropea, intiż għall-kundanna ta' din tal-aħħar għall-kumpens għad-dannu, b'mod partikolari morali, li huwa ġarrab minħabba aġir allegatament illegali tal-Kummissjoni u tal-OLAF, marbut mat-tmiem tal-funzjonijiet tiegħu. Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent kien qajjem diversi lmenti dwar l-illegalità tal-aġir tal-Kummissjoni u tal-OLAF li, madankollu, kollha ġew miċħuda mill-Qorti Ġenerali.

98. Permezz tal-appell tiegħu, ir-rikorrent kien sostna żbalji ta' liġi allegatament imwettqa mill-Qorti Ġenerali minħabba li din tal-aħħar ma kienet ikkonstatat ebda ksur tar-rekwiżit ta' imparzjalità skont l-Artikolu 41 tal-Karta fil-kuntest tal-investigazzjoni mmexxija kontrih. Issa, skont dan, kien hemm elementi li jistgħu jqajmu dubji leġittimi dwar l-imparzjalità tal-investigazzjoni. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent kien ikkritika l-parteċipazzjoni diretta tad-Direttur tal-OLAF, filwaqt li, skont ir-rikorrent, il-leġiżlazzjoni fis-seħħ kienet tagħtih biss kompetenza sabiex imexxi l-investigazzjonijiet. Fit-tieni lok, ir-rikorrent ilmenta li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkonkludiet li l-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' awtorità nazzjonali fl-investigazzjoni ma kinitx tippreġudika l-imparzjalità oġġettiva tal-OLAF, minkejja li wieħed minn dawn ir-rappreżentanti kien ukoll membru tal-Kumitat ta' Sorveljanza[67].

99. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma qablitx mal-opinjoni tar-rikorrent u, sussegwentement, ċaħdet l-aggravju dwar żball ta' liġi bbażat, essenzjalment, fuq allegat ksur tar-rekwiżit ta' imparzjalità. B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li ebda waħda miċ-ċirkustanzi invokati mir-rikorrent ma kienu ta' natura li jqiegħdu f'dubju l-osservanza tar-rekwiżit ta' imparzjalità.

100. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-iżball ta' liġi allegatament imwettaq mill-Qorti Ġenerali meta tat deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni tad-Direttur tal-OLAF fl-investigazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 41(1) tal-Karta jipprovdi, b'mod partikolari, li kull persuna għandha d-dritt li tara l-kawżi tagħha jiġu ttrattati b'mod imparzjali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni[68]. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li dawn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit ta' imparzjalità, fiż-żewġ komponenti

65 Sentenza Il-Kummissjoni vs RQ, punt 105.

66 Sentenza Il-Kummissjoni vs RQ, punti 106 sa 107.

67 Sentenza Dalli vs Il-Kummissjoni, punti 106 u 107.

68 Sentenza Dalli vs Il-Kummissjoni, punti 111 sa 118.

tiegħu li huma, minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet kjarifiki dwar il-kompetenzi tad-Direttur tal-OLAF, filwaqt li fakkret għal dan il-għan fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar investigazzjonijiet immexxija minn dan id-dipartiment [69] u waslet għall-konklużjoni li dan kien mitlub li jkollu rwol attiv fit-tmexxija tal-investigazzjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li r-rikorrent ma kienx wera li l-parteċipazzjoni diretta tad-Direttur tal-OLAF f'ċerti attivitajiet ta' investigazzjoni, hija ta' natura li tippreġudika l-imparzjalità oġġettiva tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrimarkat li r-rikorrent ma kkontestax il-validità ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tali parteċipazzjoni diretta ma kinitx tippreġudika l-imparzjalità tal-investigazzjoni ma kinitx ivvizzjata bi żball ta' liġi.

101. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-parteċipazzjoni f'seduta ta' rappreżentant ta' awtorità nazzjonali membru wkoll tal-Kumitat ta' Sorveljanza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li wieħed mill-membri tagħha ħa sehem direttament fit-twettiq ta' attività investigattiva tal-OLAF huwa ta' natura li joħloq dubju leġittimu dwar l-eżistenza ta' possibbiltà ta' preġudizzju, pożittiv jew negattiv, min-naħa tiegħu, fl-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet ta' sorveljanza fi ħdan dan il-kumitat fuq il-kundizzjonijiet tat-twettiq tal-attività investigattiva inkwistjoni [70]. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm l-imparzjalità oġġettiva ta' membru tal-Kumitat ta' Sorveljanza tista' b'hekk titqiegħed f'dubju fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' sorveljanza li huwa eżerċita f'din il-kwalità, il-fatt li dan l-individwu jista' jkun mitlub jeżerċita, sussegwentement, tali sorveljanza ma jistax, għall-kuntrarju, joħloq dubju leġittimu dwar l-imparzjalità tiegħu fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tiegħu f'attività investigattiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet minn dan li, għalkemm in-nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva mqajjem mir-rikorrent jista', jekk ikun il-każ, jiġi invokat fir-rigward tal-opinjoni mogħtija mill-Kumitat ta' Sorveljanza dwar l-investigazzjoni tal-OLAF, dan ma setax iqiegħed f'dubju l-osservanza tal-prinċipju ta' imparzjalità fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni u, b'mod partikolari, matul is-smigħ li fih ipparteċipa membru ta' dan il-kumitat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-argumenti tar-rikorrent kienu intiżi li jikkontestaw il-legalità tal-għbir tal-provi mill-OLAF u mhux il-legalità tal-opinjoni tal-Kumitat ta' Sorveljanza. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-argument ibbażat fuq żball ta' liġi dwar dan il-punt għandu jiġi miċħud bħala infondat.

C. Tagħlim li għandu jittieħed mill-ġurisprudenza

102. Il-ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza preċedenti twassalni sabiex nistabbilixxi, fl-ewwel lok, it-tagħlim li għandu jinsilet fir-rigward tal-kunċett ta' "imparzjalità" fid-dritt tal-Unjoni, qabel ma nindirizza, fit-tieni lok, l-eżami tal-appell ippreżentat mill-Parlament [71] f'din il-kawża.

103. L-ewwel, l-eżempji li ppreżentajt f'din il-ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza jimmilitaw favur applikazzjoni tar-rekwiżit ta' imparzjalità fil-qasam tas-servizz pubbliku. Din il-konklużjoni tirriżulta b'mod partikolari mill-fatt li s-sentenzi Il-Kummissjoni vs RQ [72] u Dalli vs Il-Kummissjoni [73] juru b'mod ċar li l-Artikolu 41(1) tal-Karta *japplika għall-proċeduri*

[69] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1073/1999 (KE) tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 91).

[70] Sentenza Dalli vs Il-Kummissjoni, punti 119 sa 124.

[71] Ara l-punt 119 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

[72] Sentenza Il-Kummissjoni vs RQ, punt 65.

[73] Sentenza Dalli vs Il-Kummissjoni, punt 111.

amministrattivi, li jipprevedu fażi ta' investigazzjoni u li jirrigwardaw l-istatus legali tal-uffiċjali u tal-membri tal-Kummissjoni, kemm jekk jikkonċernaw l-immunità tagħhom kif ukoll iż-żamma stess tal-funzjonijiet tagħhom.

104. It-tieni, mis-sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni [74] jirriżulta li r-rekwiżit ta' imparzjalità huwa intiż sabiex jiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament. Bl-istess mod, minn dik is-sentenza jista' jiġi dedott li, sa fejn kemm il-funzjonament intern kif ukoll id-dehra esterna tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi jiddependu mill-osservanza ta' dan ir-rekwiżit, dan għandu neċessarjament ikopri l-oqsma kollha ta' attività tal-amministrazzjoni tal-Unjoni, inklużi *l-aspetti marbuta mal-ġestjoni tas-servizz pubbliku*, bħall-ħatra, il-promozzjoni u s-sanzjoni tal-persunal.

105. It-tielet, għandu jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja tibbaża ruħha fil-ġurisprudenza tagħha [75] fuq kunċett ta' "imparzjalità" li fih żewġ komponenti. Minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva, jiġifieri li ebda wieħed mill-membri tal-istituzzjoni kkonċernata ma għandu juri parzjalità jew preġudizzju personali, u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva, skont liema din l-istituzzjoni għandha tagħti garanziji suffiċjenti sabiex teskludi kull dubju leġittimu dwar possibbiltà ta' preġudizzju.

106. Ir-raba', fir-rigward ta' dan it-tieni komponent, mis-sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament [76] jirriżulta li għarfien minn qabel tal-fatti minn dawk li huma mitluba jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva ma jikkostitwixxix, fih innifsu, ċirkustanza li tista' tivvizzjaha b'difett proċedurali fil-forma ta' nuqqas ta' imparzjalità. Fil-fatt, kif jirriżulta mis-sentenzi Wolff vs Il-Kummissjoni [77] u Spanja vs Il-Kunsill [78], tali għarfien minn qabel ħafna drabi huwa inevitabbli fid-dawl ta' attività professjonali eżerċitata preċedentement jew b'mod parallel mill-persuni kkonċernati. Huwa pjuttost neċessarju li jiġi stabbilit jekk fil-każ partikolari jeżistix *kunflitt ta' interessi* fi ħdan l-uffiċjali u l-membri tal-persunal li jaġixxu f'isem l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi li jqajmu *dubju leġittimu dwar l-imparzjalità tal-proċedura*.

107. Il-ħames, mis-sentenzi Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament [79], Dalli vs Il-Kummissjoni [80] u Wolff vs Il-Kummissjoni [81] jirriżulta li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja teżiġi mill-persuna kkonċernata, minn perspettiva proċedurali, li din *tinvoka argumenti ta' natura li jikkontestaw l-imparzjalità personali tal-uffiċjali jew tal-membri tal-persunal involuti fil-proċedura amministrattiva*. Fil-fatt, huwa biss abbażi tal-argumenti ppreżentati mill-persuni kkonċernati li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' twettaq eżami ddettaljat tal-ksur allegat tal-imparzjalità oġġettiva. Għaldaqstant, minn dan isegwi li allegazzjonijiet ġenerali u astratti, b'mod ċar infondati, jistgħu diffiċilment jissodisfaw dan ir-rekwiżit.

108. Madankollu, għandu jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat fis-sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni [82] li, sabiex jintwera li l-organizzazzjoni tal-proċedura amministrattiva ma tagħtix garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż kull dubju leġittimu dwar il-possibbiltà ta' preġudizzju, ma huwiex meħtieġ li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' nuqqas ta' imparzjalità minħabba l-karatteristiċi

74 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 26.

75 Ara l-punti 80, 87, 98 u 100 ta' dawn il-konklużjonijiet.

76 Sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament, punti 43 sa 45.

77 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 39.

78 Sentenza Spanja vs Il-Kunsill, punt 99.

79 Sentenza Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament, punt 47.

80 Sentenza Dalli vs Il-Kummissjoni, punt 117.

81 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 30.

82 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 37.

speċifiċi tar-rwol tar-relatriċi fil-kuntest tal-proċeduri mressqa quddiem il-kumitat. *Huwa biżżejjed li jkun jeżisti dubju leġittimu f'dan ir-rigward u li ma jistax jiġi eliminat*. Konsegwentement, l-oneru tal-prova ma jidhirx li huwa eċċessivament oneruż.

109. Is-sitta, jista' jiġi dedott mis-sentenzi Ziegler vs Il-Kummissjoni [83] u Wolff vs Il-Kummissjoni [84] li eżami tal-osservanza tar-rekwiżit ta' imparzjalità suġġettiva ma huwiex neċessarju fil-każijiet li fihom diġà jkun ġie kkonstatat ksur tal-imparzjalità oġġettiva. *Eżami tal-fatti fid-dawl tat-tieni komponent tal-kunċett ta' "imparzjalità" huwa biżżejjed* jekk ma jeżistux elementi li jippermettu li tiġi stabbilita b'ċertezza l-eżistenza ta' preġudizzju min-naħa tal-uffiċjali jew tal-membri tal-persunal involuti fil-proċedura amministrattiva.

110. Is-sebgħa, mis-sentenzi Spanja vs Il-Kunsill [85] u Wolff vs Il-Kummissjoni [86] jirriżulta li, meta diversi istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni jingħataw responsabbiltajiet speċifiċi u distinti fil-kuntest ta' proċedura li tista' twassal għal deċiżjoni li tikkawża preġudizzju lil individwu, *kull waħda minn dawn l-entitajiet hija meħtieġa, għal dak li jirrigwardaha, li tikkonforma ruħha mar-rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva*. Għaldaqstant, anki fil-każ li tkun biss waħda minnhom li tkun naqset milli tosserva dan ir-rekwiżit, tali nuqqas jista' jivvizzja b'illegalità d-deċiżjoni adottata mill-istituzzjoni l-oħra fi tmiem il-proċedura kkonċernata.

111. It-tmienja, minn paragun bejn, minn naħa, is-sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni [87], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-rekwiżit ta' imparzjalità ma kienx ġie osservat u, min-naħa l-oħra, is-sentenza Il-Kummissjoni vs RQ [88], li kienet tirrigwarda l-ksur tad-dritt għal smigħ, jirriżulta li ksur tad-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 41 tal-Karta u li, fl-intier tagħhom, jistabbilixxu d-dritt għal amministrazzjoni tajba, *jidher li jista' jkollu konsegwenzi differenti skont id-dritt miksur fil-każ partikolari*.

112. Fil-fatt, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs RQ [89], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tagħha, "ksur tad-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ, jimplika l-annullament tad-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċedura amministrattiva inkwistjoni biss jekk, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din il-proċedura seta' kellha riżultat differenti". Issa, għandu jiġi nnotat li tali riferiment għall-ġurisprudenza dwar il-konsegwenzi legali ta' difett proċedurali li jirriżulta minn ksur tad-drittijiet tad-difiża ma jinsab imkien fis-sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja esponiet fid-dettall f'dik is-sentenza r-raġunijiet li għalihom hija qieset li l-parteċipazzjoni ta' espert partikolari fil-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet kienet ta' natura li tqajjem dubji leġittimi dwar l-imparzjalità tal-kumitat fi ħdan l-EMA fost osservaturi terzi, u b'hekk ikkonkludiet li kien hemm ksur tar-rekwiżit ta' imparzjalità stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta.

113. Għalhekk tqum il-kwistjoni dwar jekk tali distinzjoni bejn id-drittijiet inkwistjoni tidhirx iġġustifikata mill-perspettiva ġuridika. Fil-fehma tiegħi, din id-domanda jistħoqqilha *risposta kkwalifikata*, kif ser nispjega iktar 'il quddiem.

83 Sentenza Ziegler vs Il-Kummissjoni, punt 156.

84 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 41.

85 Sentenza Spanja vs Il-Kunsill, punt 94.

86 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 28.

87 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punt 39.

88 Sentenza Il-Kummissjoni vs RQ, punt 112.

89 Sentenza Il-Kummissjoni vs RQ, punt 105.

114. Għalkemm ksur tad-drittijiet iggarantiti mill-Artikolu 41(2) tal-Karta jikkostitwixxi ċertament difett proċedurali li jista' jivvizzja deċiżjoni amministrattiva b'"illegalità", huwa xorta neċessarju li jitfakkar li d-dritt tal-proċedura amministrattiva tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha jipprevedi mekkaniżmi ta' regolarizzazzjoni sabiex dan jiġi rrimedjat [90]. Bħala eżempju, id-dritt għal smigħ jista' jingħata lill-persuna kkonċernata fi stadju sussegwenti tal-proċedura, qabel ma din tintemm u tittieħed deċiżjoni finali. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet reċentement fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Di Bernardo [91] li huwa possibbli li, taħt ċerti kundizzjonijiet stretti, tiġi kkompletata l-motivazzjoni insuffiċjenti ta' att amministrattiv, u b'hekk jiġi evitat li jiġu ppreġudikati d-drittijiet tad-destinatarju tal-imsemmi att [92].

115. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li d-difetti proċedurali ma humiex kollha ta' natura li jinfluwenzaw il-mertu ta' deċiżjoni amministrattiva. Fi kliem ieħor, żball min-naħa tal-amministrazzjoni fil-ġestjoni tal-proċedura jista' jirriżulta li ma jikkawżax ħsara fir-rigward tad-diversi interessi involuti. Fil-fatt, għal raġunijiet b'mod partikolari ta' *effettività amministrattiva*, ta' *ċertezza legali* u ta' *ekonomija proċedurali*, l-amministrazzjoni tista' tiġi eżentata mis-sanzjoni ta' "nullità" li ġeneralment jipprevedi kull ordinament ġuridiku għall-każijiet l-iktar gravi ta' illegalità ta' deċiżjoni amministrattiva. Skont dan il-mudell, l-"illegalità formali" tal-att ġuridiku li permezz tiegħu tittieħed din id-deċiżjoni hija aċċettata sa fejn din ma tippreġudikax id-"dritt sostantiv" tal-persuna kkonċernata. Fid-dawl ta' dan, jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja hija konxja minn dawn l-aspetti kollha u tapplika l-mudell li għadni kif indikajt fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, sa fejn hija teżiġi, skont il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq, li jiġu eżaminati, f'kull każ partikolari, il-konsegwenzi ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ, qabel ma tiddeċiedi dwar l-eżitu tad-deċiżjoni amministrattiva inkwistjoni.

116. Għal dak li jirrigwarda b'mod speċifiku l-ksur tar-rekwiżit ta' imparzjalità li huwa s-suġġett ta' din il-kawża, inqis li l-approċċ li għandu jiġi segwit jiddependi mill-*gravità ta' kull każ partikolari*. F'dan ir-rigward, nixtieq niġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-kunċett ta' "imparzjalità", kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll mid-diversi kodiċijiet ta' kondotta użati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni, ma huwiex iddefinit bl-istess mod. Il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li tibbaża ruħha fuq *kunċett pjuttost ġenerali, miftuħ għall-interpretazzjoni*, filwaqt li l-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba tal-Ombudsman Ewropew jirreferi għal *każijiet speċifiċi u partikolarment serji*, bħall-kunflitti ta' interessi għal raġunijiet personali, familjari, politiċi jew finanzjarji [93]. L-inklużjoni ta' diversità fl-ipoteżijiet timponi li f'kull każ jiġu ddeterminati ċ-ċirkustanzi konkreti li jqajmu dubji fir-rigward tal-imparzjalità tal-amministrazzjoni.

117. Minn naħa, huwa minnu li nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva jista' jdgħajjef il-fiduċja tal-persuna taxxabbli fin-newtralità tal-amministrazzjoni. Is-suspett li jkun suġġett għal trattament arbitrarju u, konsegwentement, inġust, jista' jkollu effett negattiv fuq il-perċezzjoni

90 Ara s-sentenzi tal-15 ta' Jannar 2013, Križan *et* (C-416/10, EU:C:2013:8, punt 91), dwar ir-regolarizzazzjoni ta' difetti proċedurali fil-kuntest ta' proċess deċiżjonali li jaffettwa l-ambjent; tal-25 ta' Ottubru 2011, Solvay vs Il-Kummissjoni (C-109/10 P, EU:C:2011:686, punt 56), għar-regolarizzazzjoni ta' difetti proċedurali fil-kuntest ta' proċeduri tal-Kummissjoni fil-qasam tal-akkordji; u tas-16 ta' Jannar 1992, Marichal-Margrève (C-334/90, EU:C:1992:15, punt 25), fir-rigward tad-dritt proċedurali doganali.

91 Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020 (C-114/19 P, EU:C:2020:457).

92 Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs Di Bernardo (C-114/19 P, EU:C:2020:457, punti 51 sa 60).

93 Skont l-Artikolu 8 ("Imparzjalità u indipendenza") tal-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba, żviluppat mill-Ombudsman Ewropew u approvat mill-Parlament permezz ta' riżoluzzjoni matul is-sessjoni plenarja tiegħu tas-6 ta' Settembru 2001, l-obbligu ta' imparzjalità jeżiġi li l-uffiċjal jastjeni milli jieħu "azzjoni arbitrarja li taffettwa ħażin lill-membri tal-pubbliku, u lanqas ma għandu jagħti trattament preferenzjali, tkun xi tkun ir-raġuni". L-imsemmi kodiċi jeżiġi li l-imġiba tal-uffiċjal qatt ma tkun iggwidata minn "interess personali, familjari jew nazzjonali, jew mill-pressjoni politika". L-uffiċjal lanqas ma għandu "jieħu sehem f'deċiżjoni li fiha hu, jew xi membru qarib tal-familja tiegħu, ikollhom xi interess finanzjarju".

tal-persuni taxxabbli[94] u, fil-każ tas-servizz pubbliku, fuq l-attitudni tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal ikkonċernati fir-rigward tal-entità li jaħdmu għaliha. Sa fejn il-kwistjonijiet, kemm għall-funzjonament intern kif ukoll għad-dehra esterna tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni huma kunsiderevoli, huwa evidenti li ma jistax jiġi rrimedjat faċilment ksur tar-rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva[95]. Għall-kuntrarju, jidhirli li tali każ bħal dan huwa ta' natura li jikkomprometti l-legalità tal-proċedura amministrattiva fl-intier tagħha. Minn din il-perspettiva, wieħed jifhem aħjar għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja astjeniet milli teżamina fis-sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni[96] jekk il-parteċipazzjoni ta' ċertu espert kinitx influwenzat jew le d-deċiżjoni adottata, u llimitat ruħha għall-konstatazzjoni li kien hemm dubju leġittimu fir-rigward tal-imparzjalità oġġettiva li ma setax jitneħħa.

118. Min-naħa l-oħra, huwa madankollu minnu li, sa fejn ir-rekwiżit ta' "imparzjalità" huwa intiż sabiex jipprojbixxi aġir differenti, minn *ksur minuri* sa *atti kriminali*, il-konsegwenzi legali ta' ksur ta' dan ir-rekwiżit għandhom ikunu proporzjonati u għandhom jieħdu debitament inkunsiderazzjoni l-interessi inerenti għal kull ordinament ġuridiku. L-interessi tad-destinatarju ta' att amministrattiv ivvizzjat b'illegalità minħabba difett proċedurali huma opposti minn prinċipji bħal dawk tal-effettività amministrattiva, taċ-ċertezza legali u tal-ekonomija proċedurali. Għal din ir-raġuni, ma nqisx li kull dubju leġittimu fir-rigward tal-osservanza tar-rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva huwa ta' natura li jwassal awtomatikament għan-nullità ta' att amministrattiv. Kif diġà ġie spjegat f'dawn il-konklużjonijiet[97], tali konsegwenza legali għandha tiġi rriżervata għall-*każijiet l-iktar gravi ta' illegalità*, b'mod partikolari dawk li jimplikaw *kunflitt ta' interessi għal raġunijiet personali, familjari, politiċi jew finanzjarji*, kif ukoll għal *atti kriminali*, bħal dawk marbuta mal-*korruzzjoni fis-servizz pubbliku*. Min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' każijiet oħra bħal dawn, ikun xieraq li l-possibbiltà li jintalab l-annullament tal-att amministrattiv ivvizzjat b'difett proċedurali marbut mal-ksur ta' dan ir-rekwiżit tiġi kkundizzjonata għall-kwistjoni dwar jekk, fl-assenza ta' din l-irregolarità, il-proċedura setgħetx twassal għal riżultat differenti, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs RQ iċċitata iktar 'il fuq[98]. Jekk dan ma jkunx il-każ, tali possibbiltà għandha tiġi eskluża.

D. Eżami tal-appell fid-dawl tal-ġurisprudenza

1. Kunsiderazzjonijiet preliminari

119. Wara li ġie stabbilit it-tagħlim tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rekwiżit ta' imparzjalità, hemm lok li dan jiġi applikat sussegwentement għal dan il-każ fil-kuntest tal-eżami tal-appell.

94 Batalli, M. u Fejzullahu, A., "Principles of Good Administration under the European Code of Good Administrative Behaviour", *Pecs Journal of International and European Law*, 2018, Nru 1, p. 35. L-awturi jfakkru li n-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji ta' "amministrazzjoni tajba" jista' jwassal għal "amministrazzjoni ħażina", jiġifieri sitwazzjoni kkaratterizzata minn istituzzjonijiet statali dgħajfa u li ma jistgħux jippromwovu l-benesseri ta' dawk amministrati. Dan kollu jista' jwassal għal nuqqas ta' sodisfazzjon ġenerali fost iċ-ċittadini.

95 Ara, f'dan ir-rigward, Mouly, J., "Du caractère substantiel des dispositions garantissant le principe d'impartialité dans la procédure disciplinaire", *Droit Social*, Dalloz, 2016, Nru 10, p. 869, fejn l-awtur jenfasizza l-importanza tar-rekwiżit ta' imparzjalità. L-awtur iqis li ċerti regoli ta' proċedura dixxiplinari, partikolarment importanti, jikkostitwixxu garanziji sostanzjali li l-ksur tagħhom għandu jwassal *ipso jure* għan-nullità tas-sanzjoni mogħtija, mingħajr ma l-impjegat ikollu bżonn juri li huwa ma setax jinvoka d-drittijiet tad-difiża tiegħu.

96 Sentenza Wolff vs Il-Kummissjoni, punti 37 sa 41.

97 Ara l-punt 115 ta' dawn il-konklużjonijiet.

98 Ara l-punt 112 ta' dawn il-konklużjonijiet.

120. Sakemm il-Parlament jinvoka żnaturament tal-fatti, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif jirriżulta mill-Artikolu 256 TFUE kif ukoll mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell huwa limitat għall-kwistjonijiet ta' dritt. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali hija unikament kompetenti sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll sabiex tevalwa l-provi. Għaldaqstant, l-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti u ta' dawn il-provi ma tikkostitwixxix, sakemm ma jkunux ġew żnaturati, punt ta' dritt suġġett, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell. Tali żnaturament għandu jidher b'mod manifest mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi [99].

121. F'dan ir-rigward, nixtieq nikkonstata li l-Parlament ma jurix kif il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti li abbażi tagħhom iddeċidiet, fil-punt 59 tas-sentenza appellata, li l-Parlament ma kienx ta l-garanziji suffiċjenti sabiex jeskludi kull dubju leġittimu fir-rigward tal-imparzjalità oġġettiva tal-investigaturi kkonċernati. Pjuttost, il-Parlament sempliċement jallega li l-investigaturi maħtura ma kellhomx ħlief "għarfien superfiċjali u mhux komplet tal-każ", li ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi konkluż nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva. Issa, minn qari tas-sentenza appellata jidher li l-Qorti Ġenerali eżaminat fid-dettall diversi aspetti marbuta mar-rapporti bejn l-investigaturi, minn naħa, u UZ, min-naħa l-oħra, li jippermettu li wieħed jara l-eżistenza ta' kunflitt interpersonali jew, fi kwalunkwe każ, il-possibbiltà ta' opinjoni negattiva tal-investigaturi fir-rigward ta' UZ fi stadju qabel il-ftuħ tal-investigazzjoni amministrattiva.

122. Każijiet bħal dawn jiddistingwu ruħhom b'mod ċar minn dak invokat mill-Parlament, dwar sempliċi "għarfien minn qabel" tas-suġġett inkwistjoni fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva. Dan huwa pjuttost ir-riskju ta' opinjonijiet ikkonċepiti minn qabel li jistgħu eventwalment joħolqu distorsjoni fil-perċezzjoni tar-realtà. Għaldaqstant, jidhirli li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Parlament, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkunsidrat li kienu jeżistu ċirkustanzi li jistgħu jqiegħdu f'dubju l-imparzjalità oġġettiva tal-investigaturi.

2. Applikazzjoni tal-kunċett ta' "imparzjalità" għall-proċedura ta' investigazzjoni

123. Għall-finijiet ta' kompletezza, għandu jiġi eżaminat iktar 'il quddiem jekk il-Qorti Ġenerali kellhiex raġun tikkunsidra li l-Parlament kien naqas milli jwettaq l-obbligu ta' imparzjalità oġġettiva impost fuqu minħabba li żewġ investigaturi kellhom, qabel il-ftuħ tal-investigazzjoni amministrattiva, għarfien minn qabel tal-fatti tal-każ b'tali mod li dawn seta' jkollhom opinjoni negattiva ta' UZ.

124. Qabel kollox, ninnota li l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet b'mod korrett, fil-punt 38 tas-sentenza appellata, li l-Artikolu 41 tal-Karta japplika fl-istadju tal-investigazzjoni amministrattiva fil-kuntest ta' proċeduri dixxiplinari li jaqgħu fil-qasam tas-servizz pubbliku. Bl-istess mod, nosserva li l-Qorti Ġenerali rreferiet b'mod korrett għall-kunċett ta' "imparzjalità", kif irrikonoxxut fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiddikjara, fil-punt 39 tas-sentenza appellata, li kien fid-dawl ta' dan il-kunċett li kellu jiġi eżaminat, b'mod partikolari, l-argument ibbażat fuq in-nuqqas ta' imparzjalità tal-investigaturi maħtura mill-Parlament. Konsegwentement, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali applikat għal dan il-każ uħud mit-tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [100].

[99] Ara s-sentenzi tat-12 ta' Jannar 2017, Timab Industries u CFPR vs Il-Kummissjoni (C-411/15 P, EU:C:2017:11, punt 89), u tal-1 ta' Ottubru 2020, CC vs Il-Parlament (C-612/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:776, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[100] Ara l-punti 103 u 104 ta' dawn il-konklużjonijiet.

125. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni tal-fatti, billi waslet għall-konklużjoni li l-ħatra tal-investigaturi inkwistjoni setgħet tqajjem dubji leġittimi dwar l-imparzjalità oġġettiva tagħhom.

a) Il-ħatra tal-investigatur tal-aspett "dixxiplinari"

126. B'mod iktar konkret, il-Qorti Ġenerali qieset il-fatt li wieħed mill-investigaturi inkarigati mill-aspett "dixxiplinari" kien iltaqa' ma' wieħed mil-lanjanti f'data qabel il-ftuħ tal-investigazzjoni amministrattiva dwar UZ. Skont ix-xhieda ta' dan il-lanjant, huwa kien mar il-Lussemburgu (il-Lussemburgu) sabiex jinforma ruħu dwar eventwali investigazzjoni tal-OLAF miftuħa fil-konfront tiegħu, peress li xi kollegi kienu spjegawlu li r-raġel ta' UZ kien irrapportah, fuq inizjattiva tagħha, lil dan il-korp, fir-rigward ta' allegati irregolaritajiet marbuta ma' leave parentali, "bħala tpattija", "għaliex il-kollega kkonċernat [kien] ippreġudika x-xogħol tagħha". Kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 48 tas-sentenza appellata, il-Parlament ma ċaħadx l-eżistenza ta' din il-laqgħa qabel il-ftuħ tal-investigazzjoni amministrattiva bejn wieħed mil-lanjanti u l-investigatur futur. Il-Parlament xorta waħda sostna, l-ewwel, li ebda informazzjoni dwar il-kawża inkwistjoni ma kienet ġiet ikkomunikata minn dan tal-aħħar u, it-tieni, li ħadd ma seta' jiddubita li l-investigatur futur kellu jeżerċita din il-funzjoni.

127. Inqis li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, huwa possibbli li jiġi konkluż li l-Qorti Ġenerali ġustament għażlet li ma ssegwix l-argument tal-Parlament. Sabiex tiġi ffaċilitata l-komprensjoni tal-motivi li wasslu għal din il-konklużjoni, għandu jiġi eżaminat b'mod iktar iddettaljat ir-raġunament żviluppat mill-Qorti Ġenerali.

128. Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 49 tas-sentenza appellata, li ma kien jeżisti ebda sostenn tal-kontenut tal-konverżazzjoni bejn wieħed mil-lanjanti u l-investigatur futur. Konsegwentement, ma setax jiġi pprovat b'mod sodisfaċenti s-suġġett ta' konverżazzjoni tal-persuni involuti f'din il-laqgħa. L-affermazzjoni tal-Parlament li ebda informazzjoni dwar il-każ ma ġiet ikkomunikata, għalhekk, ma setgħetx tiġi pprovata. Fin-nuqqas ta' provi affidabbli, ix-xhieda inkwistjoni setgħet tkun biss indizju li l-persuni involuti biss setgħu jikkonfermaw. Issa, jidhirli li tali xhieda tista' tqajjem kwistjonijiet dwar l-attitudni tal-imsemmija persuni fir-rigward ta' UZ, speċjalment jekk hija verament iddokumentata waqt seduta, bħalma kien il-każ f'din il-kawża. Dan iwassalna għal aspett ċentrali tal-kawża, li l-Qorti Ġenerali eżaminat sussegwentement.

129. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-imparzjalità oġġettiva kienet tippreżupponi li l-istituzzjoni tagħti garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż kull dubju leġittimu. Kif ġie indikat f'dawn il-konklużjonijiet[101], dan huwa preċiżament dak li l-Qorti tal-Ġustizzja dejjem eżiġiet fil-ġurisprudenza tagħha sabiex tevita kull sitwazzjoni kompromettenti. Konxja ta' dan ir-rekwiżit, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li xhieda bħal din tista' tqajjem f'UZ dubju leġittimu dwar l-imparzjalità tal-investigatur, li seta' kien influwenzat min-natura partikolarment malizzjuża tal-allegat aġir tagħha kif kien intqal lilu. Fil-fatt, jidhirli li, indipendentement mill-veraċità ta' din l-informazzjoni, l-uffiċjal inkwistjoni kellu probabbilment impressjoni pjuttost sfavorevoli ta' UZ, qabel ma ġie msejjaħ biex jeżerċita l-funzjoni ta' investigatur. Għaldaqstant, wieħed ma jistax jikkritika lil UZ talli kkontestat l-imparzjalità tal-proċedura fir-rigward tal-Parlament, kif osservat il-Qorti Ġenerali fil-punt 52 tas-sentenza appellata. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali ma kinitx meħtieġa li tivverifika jekk l-investigatur kellux *effettivament*

[101] Ara l-punt 105 ta' dawn il-konklużjonijiet.

preġudizzji fir-rigward ta' UZ. Huwa biżżejjed li jkun jeżisti *dubju leġittimu* f'dan ir-rigward u li ma jistax jiġi eliminat [102]. Kif il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat, dawn il-kundizzjonijiet kienu ssodisfatti f'dan il-każ.

130. F'dan ir-rigward, jidhirli li, fid-dawl tas-sitwazzjoni deskritta iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddikjarat, fil-punt 55 tas-sentenza appellata, li l-Parlament ma kellux jaħtar investigatur li ltaqa' ma' wieħed mil-lanjanti qabel il-ftuħ tal-investigazzjoni. Sa fejn il-Parlament kien obbligat joffri garanziji suffiċjenti sabiex jeskludi kull dubju leġittimu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jidhirli li l-Qorti Ġenerali ġustament stabbilixxiet, fil-punt 54 tas-sentenza appellata, li xejn ma kien jindika li kien diffiċli għall-Parlament li jagħżel, minn fost l-uffiċjali tiegħu, persuna li ma kellha ebda għarfien minn qabel tal-fatti tal-każ u li għalhekk ma tqajjem ebda dubju leġittimu fir-rigward ta' UZ. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li l-Qorti Ġenerali applikat b'mod korrett il-kunċett ta' "imparzjalità" għal dan il-każ f'dak li jirrigwarda l-ħatra tal-investigatur responsabbli mill-aspett "dixxiplinari".

b) Il-ħatra tal-investigatur tal-aspett ta' "fastidju"

131. Fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' imparzjalità tal-investigatur tal-aspett ta' "fastidju", il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 57 tas-sentenza appellata, li, qabel ma kien inħatar investigatur, dan kien ippresieda l-kumitat konsultattiv dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol li kien ikkonkluda, wara t-talba għal assistenza tal-lanjanti, li l-ġestjoni tal-unità li tagħha UZ kienet il-kap tiġi fdata lil persuna oħra. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet f'dan ir-rigward li, fid-dawl tal-konklużjoni tal-imsemmi kumitat konsultattiv, meta nħatar bħala investigatur tal-aspett ta' "fastidju", dan seta' diġà kellu opinjoni negattiva ta' UZ. Skont il-Qorti Ġenerali, dan il-fatt kien ukoll ta' natura li jqiegħed f'dubju l-imparzjalità oġġettiva tal-investigaturi.

132. Minn naħa, jista' jiġi sostnut, kif jissuġġerixxi l-Parlament, li s-sitwazzjoni deskritta fil-paragrafu preċedenti tippreżenta ċertu xebh mal-każ marbut ma' "għarfien minn qabel" tal-fatti minn dawk li huma msejħa biex jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva, ċirkustanza li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [103], ma tistax, fiha nnifisha, tivvizzja din id-deċiżjoni b'difett proċedurali fil-forma ta' nuqqas ta' imparzjalità. Min-naħa l-oħra, eżami iktar fil-fond juri li s-sitwazzjoni inkwistjoni hija fir-realtà differenti ħafna, fid-dawl tal-fatt li l-uffiċjal mitlub jeżerċita l-funzjoni ta' investigatur kien ipparteċipa qabel fl-adozzjoni ta' deċiżjoni intiża sabiex tissostitwixxi lil UZ bħala kap tad-diviżjoni, u dan preċiżament għal raġunijiet ta' fastidju. Tali sitwazzjoni tidher li hija partikolarment delikata, peress li timplika ingaġġ attiv u diversi stadji ta' proċedura amministrattiva li jistgħu jwasslu għal impożizzjoni ta' sanzjoni dixxiplinarja [104]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li huwa kważi impossibbli li jkun hemm trattament kompletament ħieles minn preġudizzji min-naħa tal-uffiċjali involuti [105].

[102] Ara l-punt 108 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[103] Ara l-punt 106 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[104] Ara, f'dan ir-rigward, P. Van Reenen, "Impartiality in the EU asylum procedure", *European Journal of Migration and Law*, 2018, Nru 20, p. 345, li jikkunsidra li l-każ fejn imħallef ikun ipparteċipa diversi drabi fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet sfavorevoli għal individwu huwa ta' natura li jqajjem dubji leġittimi dwar l-imparzjalità tiegħu.

[105] F'dan il-kuntest għandha tiġi ċċitata s-sentenza Castillo Algar vs Spanja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-28 ta' Ottubru 1998 (CE:ECHR:1998:1028JUD002819495), li kienet tirrigwarda l-imparzjalità ta' qorti militari, fejn żewġ membri tagħha kienu diġà ħadu konjizzjoni, f'awla oħra, tal-appell kontra digriet li jinkrimina lill-persuna kkonċernata. Skont dik il-qorti, kienu jeżistu elementi li jagħtu lil wieħed x'jifhem li l-qorti kienet għamlet tagħha l-fehma preċedentement adottata mill-qorti preċedenti, li skontha kien hemm "indizji suffiċjenti li jippermettu li jiġi konkluż li kien twettaq reat militari". Konsegwentement, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonkludiet li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB.

133. Għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li sostna l-Parlament, dan il-każ ma huwiex sempliċement każ ta' "għarfien minn qabel" tal-fatti iżda pjuttost ta' "parteċipazzjoni minn qabel" fil-proċedura amministrattiva, li tqajjem dubji leġittimi dwar l-attitudni tal-uffiċjal fir-rigward ta' UZ. Għaldaqstant, inħoss li l-Qorti Ġenerali ġustament ma kkunsidratx il-possibbiltà ta' applikazzjoni b'analoġija tal-ġurisprudenza msemmija hawn fuq fir-raġunament tagħha, filwaqt li waslet, minflok, għall-konklużjoni, fil-punt 58 tas-sentenza appellata, li l-ħatra tal-uffiċjal ikkonċernat kienet ta' natura li tqiegħed f'dubju l-imparzjalità oġġettiva tal-investigatur għar-raġuni li ma setax jiġi eskluż li dan tal-aħħar seta' diġà kellu opinjoni negattiva ta' UZ. Jidhirli li din il-konklużjoni hija konsistenti u, għalhekk, mhux kontestabbli minn perspettiva legali.

134. Inqis li, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, wieħed ma jistax raġonevolment jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli applikat il-kriterji rilevanti għall-kunċett ta' "imparzjalità" b'mod eċċessivament strett. Sa fejn, minn naħa, l-istituzzjonijiet huma obbligati joffru garanziji suffiċjenti sabiex *jeskludu kull dubju leġittimu* fir-rigward ta' possibbiltà ta' preġudizzju fil-kuntest ta' investigazzjonijiet amministrattivi u, min-naħa l-oħra, fid-dawl tal-fatt li din hija, f'dan il-każ, proċedura amministrattiva li tista' tagħti lok għal *sanzjoni dixxiplinari li twassal għal konsegwenzi gravi* għall-uffiċjal ikkonċernat fuq livell professjonali, jidhirli li huwa meħtieġ approċċ prudenti. Fil-fatt, wieħed ma għandux jinsa li l-implimentazzjoni ta' miżuri adegwati sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni r-rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva ma tikkostitwixxix għan fiha innifisha iżda mod li jiġi ggarantit li l-proċedura amministrattiva tiżvolġi b'*rispett sħiħ tad-drittijiet tal-persuna kkonċernata*. Barra minn hekk, peress li, kif diġà tfakkar f'dawn il-konklużjonijiet, ir-rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva jservi sabiex *jipproteġi kemm il-funzjonament intern kif ukoll id-dehra esterna tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni*[106], inqis li jkun żbaljat li jiġi preżunt li l-obbligi li jirriżultaw minnu jistgħu jittieħdu b'mod ħafif.

c) Konklużjoni preliminari dwar il-ħatra tal-investigaturi

135. Ir-raġunament espost fis-sentenza appellata juri li l-Qorti Ġenerali kienet konxja mill-kwistjonijiet u siltet il-konsegwenzi adegwati meta qieset li l-Parlament ma kienx ikkonforma ruħu mal-obbligi li jirriżultaw mir-rekwiżit ta' "imparzjalità", kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Parlament, xejn ma jippermetti li jiġi dedott li l-Qorti Ġenerali żnaturat jew wettqet evalwazzjoni żbaljata tal-fatti. Għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq, inqis li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta stabbilixxiet, fil-punt 59 tas-sentenza appellata, li, waqt il-ħatra tal-investigaturi msemmija iktar 'il fuq, il-Parlament ma kienx ta l-garanziji suffiċjenti sabiex jeskludi kull dubju leġittimu.

3. Il-konsegwenzi legali ta' ksur tar-rekwiżit ta' "imparzjalità"

136. Dan premess, nixtieq nirrileva li l-Qorti Ġenerali sussegwentement eżaminat, fil-punti 60 sa 64 tas-sentenza appellata, jekk dan il-ksur tar-rekwiżit ta' imparzjalità kienx ta' natura li jinfluwenza d-deċiżjoni li timponi sanzjoni dixxiplinarja fuq UZ. Fl-invokazzjoni tal-ġurisprudenza tagħha stess[107], il-Qorti Ġenerali ddikjarat li, sabiex irregolarità proċedurali tkun tista' tiġġustifika l-annullament ta' att, jeħtieġ li, fl-assenza ta' din l-irregolarità, il-proċedura

[106] Ara l-punt 104 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[107] Sentenza tal-14 ta' Frar 2017, Kerstens vs Il-Kummissjoni (T-270/16 P, mhux ippubblikata, EU:T:2017:74).

setgħet twassal għal riżultat differenti. Fi kliem ieħor, il-Qorti Ġenerali tissuġġerixxi, fl-ewwel lok, li d-difetti proċedurali ma humiex kollha ta' natura li jivvizzjaw att amministrattiv b'nullità u, fit-tieni lok, li ksur tar-rekwiżit ta' imparzjalità ma jikkostitwixxix eċċezzjoni għal din ir-regola.

137. Kif dan ġie diġà spjegat, ir-rekwiżit ta' imparzjalità huwa intiż sabiex jipprojbixxi aġir differenti, minn ksur minuri sa atti kriminali. Għaldaqstant, il-konsegwenzi legali ta' ksur ta' dan ir-rekwiżit għandhom ikunu proporzjonati u għandhom jieħdu debitament inkunsiderazzjoni l-interessi inerenti f'kull ordinament ġuridiku, bħal dawk tal-effikaċja amministrattiva, iċ-ċertezza legali u l-ekonomija proċedurali, li jistgħu jeħtieġu ż-żamma ta' att amministrattiv minkejja l-illegalità tiegħu. Skont l-approċċ propost [108], għandu jiġi eżaminat qabel kollox jekk l-obbligu ta' imparzjalità nkisirx bit-twettiq ta' atti ta' gravità tali li d-deċiżjoni amministrattiva inkwistjoni jkun jistħoqqilha sanzjoni ta' nullità. F'dan ir-rigward, ninnota li, fl-assenza ta' informazzjoni iktar preċiża, iċ-ċirkustanzi tal-każ la jiżvelaw l-eżistenza ta' att kriminali min-naħa tal-investigaturi u lanqas ta' kunflitt ta' interessi għal raġunijiet personali, familjari, politiċi jew finanzjarji. Għaldaqstant, jidhirli li l-għażla li tiġi ddikjarata n-nullità *ab initio* tad-deċiżjoni kontenzjuża għandha tiġi miċħuda.

138. L-istadju li jmiss tal-analiżi jikkonsisti, skont l-approċċ propost, f'li jiġi vverifikat jekk dan il-ksur tar-rekwiżit ta' imparzjalità huwiex ta' natura li jinfluwenza d-deċiżjoni li tiġi imposta sanzjoni dixxiplinari fuq UZ. Fir-rigward ta' din il-kwistjoni, għandu jiġi osservat li, fil-punt 64 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li "ma jistax jiġi eskluż li, jekk l-investigazzjoni amministrattiva twettqet b'reqqa u imparzjalità, l-imsemmija investigazzjoni setgħet twassal għal *evalwazzjoni inizjali oħra tal-fatti*, u għalhekk tirriżulta *f'konsegwenzi differenti*". Din il-konklużjoni hija bbażata fuq l-idea li l-investigazzjoni amministrattiva tikkundizzjona l-eżerċizzju mill-Awtorità tal-Ħatra tas-setgħa tagħha ta' evalwazzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu u li dawn l-azzjonijiet jistgħu jwasslu, *in fine*, għall-impożizzjoni ta' sanzjoni dixxiplinari.

139. Kif il-Qorti Ġenerali spjegat tajjeb, fil-punt 63 tas-sentenza appellata, huwa abbażi ta' din l-investigazzjoni u tas-smigħ tal-membru tal-persunal ikkonċernat li l-Awtorità tal-Ħatra tevalwa, l-ewwel, jekk hemmx lok jew le li tinfetaħ proċedura dixxiplinari, it-tieni, jekk din għandhiex, skont il-każ, tikkonsisti fit-tressiq tal-każ quddiem il-Bord Dixxiplinari jew le u, it-tielet, meta tibda l-proċedura quddiem il-Bord Dixxiplinari, il-fatti li għandhom jiġu ppreżentati quddiem l-imsemmi bord. Fi kliem ieħor, bażi fattwali żbaljata, stabbilita fil-kuntest ta' investigazzjoni amministrattiva li tippreżenta diversi irregolaritajiet proċedurali, jista' jkollha konsegwenzi serji għall-uffiċjal ikkonċernat. B'mod iktar konkret, tali ċirkustanza tista' tagħti lok għal deċiżjonijiet żbaljati u, għaldaqstant, ivvizzjati b'illegalità min-naħa tal-Awtorità tal-Ħatra kif ukoll tal-entitajiet li jintervjenu fil-proċedura dixxiplinari. Jidhirli li tali raġunament huwa loġiku u ma jistax jiġi kkontestat minn perspettiva legali.

140. B'dan premess, ta' min josserva f'dan il-kuntest li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 64 tas-sentenza appellata, tirrifletti, essenzjalment, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif tirriżulta mis-sentenza Il-Kummissjoni vs RQ, iċċitata iktar 'il fuq [109]. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali applikat kriterji simili meta stabbilixxiet li ma setax jiġi eskluż li l-ksur tar-rekwiżit ta' imparzjalità kellu influwenza fuq l-evalwazzjoni inizjali tal-fatti. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali indirettament irrikonoxxiet il-possibbiltà li d-deċiżjoni kontenzjuża seta' jkollha kontenut differenti li kieku r-rekwiżit ta' imparzjalità kien ġie osservat.

[108] Ara l-punt 118 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[109] Ara l-punt 118 ta' dawn il-konklużjonijiet.

141. Għar-raġunijiet esposti iktar ’il fuq, inqis li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta’ liġi f’dak li jirrigwarda r-riżultat tal-analiżi tagħha. Il-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b’mod korrett għal dan il-każ il-kunċett ta’ “imparzjalità”, kif irrikonoxxut fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ġustament ikkonkludiet li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet ivvizzjata b’difett proċedurali *sinjifikattiv* u li kien hemm lok li din tiġi annullata. Għalhekk, inqis li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appell prinċipali għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

VII. Konklużjoni

142. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara bħala infondata l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appell prinċipali.